IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2014
COM(2014) 383 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba

{SWD(2014) 200 final}
{SWD(2014) 201 final}

MT MT

## Werrej

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba


1. ............................................................................................ 3

2. Introduzzjoni ............................................................................ 3

3. Ħarsa Ġenerali lejn ir-Riżultati Miksuba ........................................ 4

2.1. Il-Politiki Interni tal-Unjoni ........................................................ 4

2.1.1. IL-KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI (intestatura baġitarja 1A) ........ 4

2.1.2. KOEŻJONI GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI (intestatura baġitarja 1B)................... 13

2.1.3. PREŻERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI (intestatura baġitarja 2) .. 19

2.1.4. LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (intestatura baġitarja 3A)........................... 24

2.1.5. ĊITTADINANZA (intestatura baġitarja 3B) ............................................. 27

2.2. Il-Politiki Esterni tal-Unjoni (intestatura baġitarja 4) .................................. 29

4. IL-QAFAS TA' MONITORAĠĠ, TA' RAPPURTAR U TA' EVALWAZZJONI - MFF 2014 – 202034

5. KONKLUŻJONIJIET ............................................................................ 35

## 1.

## 2. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 318 tat-TFUE jeħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar il-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba. Dan ir-raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Artikolu 318 ('ir-Rapport ta' Evalwazzjoni' jew 'ir-Rapport') isegwi talbiet magħmula mill-Awtorità tal-Kwittanza, l-aktar riċenti fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tagħha tal-2012 u fir-Riżoluzzjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2014[1], dwar il-kontenut u l-istruttura tagħha.

Saret aktar ħidma sabiex jittejjeb il-fokus tar-rapport fuq il-prestazzjoni tal-programmi finanzjarji ewlenin kif irrapportati u evalwati fl-2013. Saret distinzjoni bejn il-politiki interni u esterni u r-Rapport jiffoka, fi ħdan it-taqsima relatata mal-politiki interni, fuq l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020. Kif ġie stabbilit fl-analiżi riċenti tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija Ewropa 2020, fl-isfond tal-kriżi u tendenzi fit-tul oħrajn li jaffettwaw it-tkabbir, il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 kien imħallat[2]. Għalkemm mhuwiex possibbli li jiġi individwat x'kien il-kontribut eżatt ta' kull wieħed mill-programmi finanzjarji sabiex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020[3] u għalkemm l-istrateġija Ewropa 2020 ma kinitx ġiet adottata meta tfasslu l-programmi tal-MFF 2007-2013, dan ir-rapport jipprovdi l-informazzjoni disponibbli dwar il-prestazzjoni fuq kif il-programmi finanzjarji kkontribwew għal Ewropa 2020.

L-2013 hija l-aħħar sena tal-perjodu tal-MFF 2007-2013, imma għadu kmieni wisq sabiex jitkejlu b'mod sħiħ ir-riżultati u l-impatti tal-programmi. Dan minħabba li l-evalwazzjonijiet finali u ex-post li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet huma ppjanati fil-perjodu 2014-2016. Madankollu, hemm dejta disponibbli dwar l-indikaturi li jkejlu kemm l-implimentazzjoni tal-programmi tinsab miexja kif ippjanat u ġew iffinalizzati għadd ta' evalwazzjonijiet li jagħtu rispons dwar il-prestazzjoni.

Dan ir-rapport jeżamina r-riżultati miksuba mill-programmi finanzjarji ewlenin (it-taqsima 2). B'ħarsa lejn il-futur, ir-rapport jagħti sommarju tal-qafas ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u ta' evalwazzjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 - 2020 (MFF; it-taqsima 3).

Ir-Rapport huwa akkumpanjat minn żewġ Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni. L-ewwel wieħed (SWD1) jipprovdi analiżi u deskrizzjoni tal-oqfsa tal-monitoraġġ, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni għall-programmi finanzjarji fl-2014-2020,

---

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26/2/2014 dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba: għodda ġdida għall-proċedura ta' kwittanza mtejba tal-Kummissjoni Ewropea (2013/2172 (INI))

[2] COM (2014) 130 finali tal-5.3.2014

[3] Ewropa 2020 hija impenn komuni tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni u hemm ħafna fatturi esterni li jinfluwenzaw il-kisba tal-għanijiet tal-Ewropa 2020.

biex hekk jissodisfa l-impenn li sar fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tas-sena l-oħra. Fuq talba tal-Qorti tal-Awdituri, it-tieni dokument (SWD2) janalizza l-progress li sar s'issa fuq il-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Artikolu 318, mehmuż mar-Rapport tas-sena l-oħra.

# 3. Ħarsa Ġenerali lejn ir-Riżultati Miksuba

It-taqsima li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati miksuba fl-2013 mill-programmi finanzjarji ewlenin. Hija strutturata skont l-intestaturi baġitarji. Fil-każ ta' dawk l-intestaturi baġitarji marbutin mal-politiki interni tal-UE, din tagħti:

1. Il-programmi finanzjarji ewlenin u r-rabta tagħhom ma' Ewropa 2020;
2. Valutazzjoni tar-riżultati disponibbli dwar il-prestazzjoni;
3. Rendikont tal-aspetti operazzjonali tal-prestazzjoni.

Fir-rigward tal-politiki esterni tal-UE, ir-rapport jiffoka fuq il-kisbiet ewlenin tal-programmi finanzjarji relatati mal-għanijiet tal-politika esterna.

B'konformità mal-gwida mogħtija mill-Awtorità tal-Kwittanza dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali, u għalhekk ma jagħtix rendikont eżawrjenti u dettaljat tal-progress annwali lejn il-kisba tal-għanijiet għal kull wieħed mill-programmi finanzjarji tal-MFF 2007-2013. Tali informazzjoni dettaljata, inklużi s-sommarji tal-evalwazzjonijiet tal-2013, hija disponibbli fir-Rapporti tal-Attività Annwali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

## 2.1. Il-Politiki Interni tal-Unjoni

### 2.1.1. IL-KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI (intestatura baġitarja 1A)

*L-għanijiet tal-programm u l-Ewropa 2020*

Il-programmi ewlenin taħt l-intestatura baġitarja 'Il-Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi' (91% tan-nefqa tal-2013 ta' EUR 15.7 biljun taħt din l-intestatura baġitarja) huma s-'Seba'' Programm Kwadru għar-riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni' (FP7); il-'Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni' (CIP); in-'Netwerks trans-Ewropej' (TEN); il-'Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja'; u l-'Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru' (EEPR).

Dawn il-programmi finanzjarji jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ta' Ewropa 2020 ta' Tkabbir Intelliġenti u Sostenibbli. Barra minn hekk, fi ħdan dawn il-prijoritajiet il-programmi finanzjarji jindirizzaw ħtiġijiet komuni identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020: Il-ħtieġa li jissaħħu l-mezzi finanzjarji tal-UE (eż. l-FP7 permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) u programmi konġunti mal-Istati Membri) u l-ħtieġa li jitfasslu strumenti finanzjarji ġodda sabiex jiġġemma' kapital għal impriżi u SMEs innovattivi (eż. il-faċilitajiet finanzjarji taħt l-FP7, is-CIP u l-EEPR jipprovdu garanziji, kapital ta' riskju u self lil SMEs u impriżi innovattivi).

Rigward **il-prijorità ta' Tkabbir Intelliġenti** ta' Ewropa 2020, il-programmi jikkontribwixxu għal miri ewlenin differenti u għall-inizjattivi ewlenin 'Unjoni Innovattiva' (billi

jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-FP7 u s-CIP) u 'Żgħażagħ Attivi' (permezz tal-programmi ta' mobbiltà għar-riċerkaturi u l-istudenti, l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja).

Il-politika tal-UE dwar ir-riċerka permezz tal-FP7 tikkontribwixxi għall-mira ewlenija ta' Ewropa 2020 li l-investiment fir-R&Ż jiżdied għal 3% tal-PDG. Il-mira ta' 3% ta' finanzjament tar-riċerka bħala perċentwal tal-PDG aktarx li ma tintlaħaqx. B'mod partikolari n-nefqa kummerċjali fuq ir-R&Ż naqset xi ftit matul is-snin. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kompliet timbotta sabiex issaħħaħ l-iżvilupp tar-riċerka u t-teknoloġija fl-Unjoni, inkluż permezz tal-finanzjament bl-FP7.

L-FP7 fittex li jimmobilizza l-baġit tal-UE billi jisfrutta l-mezzi finanzjarji tagħha permezz ta' kombinazzjonijiet ġodda ta' finanzi privati u pubbliċi. Taħt l-FP7 twaqqfu għadd ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) fuq medda twila ta' żmien. L-'Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi' (IMI) timmira li trawwem l-Ewropa bħala l-aktar post attraenti għar-R&Ż farmaċewtiku, u b'hekk ittejjeb l-aċċess tal-pazjenti għal mediċini innovattivi; l-inizjattiva 'L-Aeronawtika u t-Trasport bl-Ajru' (Sema Nadif) timmira li tiżviluppa inġenji tal-ajru li jirrispettaw l-ambjent u kosteffiċjenti; u l-inizjattiva 'Iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu' (FCH) timmira li tħaffef l-iżvilupp tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fl-Ewropa sabiex tippermetti l-iskjerament kummerċjali tagħhom bejn l-2010 u l-2020. L-ARTEMIS u l-ENIAC għal sistemi inkorporati tal-kompjuter u n-nanoelettronika jappoġġjaw attivitajiet multinazzjonali ta' riċerka fuq skala kbira. Twaqqfu wkoll għadd ta' PPPs li jimmobilizzaw il-finanzjament tal-Istat Membru u tal-UE b'mod konġunt. Informazzjoni dwar il-prestazzjoni saret disponibbli għall-programm konġunt tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment b'enfasi fuq Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) u l-innovazzjoni għall-popolazzjoni li qed tixjieħ.

Il-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju taħt l-FP7 hija strument finanzjarju konġunt tal-UE/BEI immirat għal proġetti kbar (kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja[4] u kbar, PPPs, infrastrutturi tar-riċerka, eċċ.) kif ukoll l-Istrument pilota għall-Qsim tar-Riskju implimentat b'mod konġunt mill-UE u l-FEI iddedikat għall-SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Il-Faċilità tappoġġja investimenti fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni billi tipprovdi self jew garanziji.

L-FP7 jikkontribwixxi wkoll għall-isforz ta' Ewropa 2020 fir-riċerka permezz tat-tisħiħ tar-riżorsi umani. Il-finanzjament huwa pprovdut mill-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (KER) fuq il-kriterju waħdieni tal-eċċellenza xjentifika. Taħt is-sottoprogramm tal-'Poplu' tal-FP7 il-finanzjament għal postijiet ta' riċerka permezz tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie laħaq it-total ta' EUR 854.9 miljun f'pagamenti fl-2013 (+21% meta mqabbel mal-2012).

Barra minn hekk, il-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja (EUR 1.34 miljun fi nfiq kommessi fl-2013) jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija Żgħażagħ Attivi u għall-mira ewlenija ta' Ewropa 2020 li jiżdied is-sehem tal-popolazzjoni ta' bejn it-30 u l-34 sena li temmet l-edukazzjoni terzjarja għal mill-inqas 40% u t-tnaqqis tar-rati ta' dawk li jieqfu mill-iskola

[4] Kumpanija ta' daqs medju li ma tkunx SME

għal inqas minn 10%). Sar xi progress fil-kisba ta' din il-mira tal-UE għall-2020 għad li indikaturi oħrajn juru li l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim, l-impjegabbiltà u s-sitwazzjoni ekonomika taż-żgħażagħ kollha ddeterjoraw f'dawn l-aħħar snin.

Rigward il-prijorità ta' **Tkabbir Sostenibbli** ta' Ewropa 2020, il-programmi finanzjarji taħt din l-intestatura baġitarja kkontribwew għall-inizjattiva ewlenija 'Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi' bl-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet serra u jiżguraw il-provvisti tal-enerġija (CIP - il-Programm Ewropew tal-Enerġija Intelliġenti u l-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru), jindirizzaw il-konġestjonijiet tat-traffiku u jiddikarbonizzaw is-settur tat-trasport (TEN-T u Marco Polo). Il-programmi spazjali Galileo u Copernicus ikkontribwew għall-inizjattiva ewlenija 'Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni'.

Taħt is-CIP, il-Programm Ewropew tal-Enerġija Intelliġenti jikkontribwixxi għall-mira ewlenija dwar il-klima u l-enerġija ta' Ewropa 2020 waqt li jtejjeb il-kompetittività tal-UE u jżid il-ħiliet tal-persunal fis-settur tal-enerġija.

Il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR; pagamenti tal-2013 EUR 201.6 miljun) huwa mfassal sabiex jagħmel il-provvisti tal-enerġija aktar affidabbli u jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet serra. L-EEPR jagħti għotjiet fuq skala kbira lil proġetti ferm strateġiċi fi tliet oqsma tas-settur tal-enerġija: il-konnessjonijiet tal-gass jew tal-elettriku (43 proġett), l-enerġija mir-riħ lil hinn mix-xtut (9 proġetti) u l-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (6 proġetti). Barra minn hekk, fl-2011 ġiet stabbilita faċilità finanzjarja (Il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika) taħt dan il-programm billi ġew riallokati EUR 146 miljun mill-programm sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-effiċjenza tal-enerġija.

Il-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej – Trasport (TEN-T) kkontribwixxa sabiex *"[tit]ħaffef l-implimentazzjoni ta' proġetti strateġiċi fejn rwol Ewropew ikun ta' valur miżjud biex tindirizza diffikultajiet kritiċi, partikolarment sezzjonijiet transkonfinali u punti ta' konġunzjoni intermodali (bliet, portijiet, pjattaformi loġistiċi)*"[5]. B'pagamenti ta' EUR 759.3 miljun fl-2013 it-TEN-T jimmira li jtemm 30 proġett hekk imsejħa ta' prijorità, jew assi, li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-merkanzija u l-passiġġieri.

Il-programm Marco Polo II (pagamenti ta' EUR 17.5 miljun fl-2013) jimmira li jnaqqas parti sostanzjali mit-tkabbir annwali mistenni tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq billi jiffinanzja l-ispejjeż marbuta maċ-ċaqliqa modali mit-triq għal modi oħrajn ta' trasport.

Fl-aħħar nett, taħt l-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 dwar 'Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni', il-Kummissjoni taħdem fuq l-iżvilupp ta' "politika effettiva tal-ispazju li tipprovdi l-istrumenti li jindirizzaw għadd mill-isfidi globali ewlenin u partikolarment it-tlestija ta' Galileo u GMES"[6]. Jiġi pprovdut finanzjament għas-sistemi tal-UE għan-navigazzjoni bis-satelliti u għall-osservazzjoni tad-dinja (GALILEO, GMES-COPERNICUS). Is-sehem tal-UE mis-suq downstream dinji tas-sistemi globali għan-

[5] COM(2010) 2020 finali; paġna 16
[6] COM(2010) 2020 finali; paġna 17

navigazzjoni bis-satelliti żdied sewwa mill-2010 'l hawn minn 24% għal 30%. Jidher li probabbilment il-mira għall-2020 (33%) se tintlaħaq. B'mod ġenerali, l-industrija Ewropea tal-manifattura u l-varar spazjali kellha prestazzjoni tajba fis-swieq kummerċjali globali matul l-aħħar snin, b'sehem mis-suq dejjem jikber għas-satelliti u sehem mis-suq stabbli ta' madwar 50% għall-varar kummerċjali.

*Il-prestazzjoni tal-programm*

**Il-programmi FP7, Tagħlim tul il-Ħajja u CIP: Kontribut għal Tkabbir Intelliġenti**

Taħt l-**FP7**, għall-perjodu 2007-2013, inżammu 130,007 applikant għall-finanzjament, bil-kontribut finanzjarju tal-UE rikjest ilaħħaq it-total ta' EUR 41.26 biljun. 98% tal-proġetti mitmuma jilħqu l-għanijiet inizjali tagħhom u kull proġett mitmum jipproduċi medja ta' 5.7 pubblikazzjonijiet. Il-kważi 6,000 proġett mitmum bejniethom ipproduċew 1,261 dritt tal-proprjetà intellettwali.

Ingħatat attenzjoni partikolari taħt l-FP7 lill-parteċipazzjoni tal-industrija u l-SMEs sabiex jiġi żgurat li r-riċerka tissodisfa l-ħtiġijiet tan-negozju u li l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati ssegwi. Il-parteċipazzjoni tal-industrija fi proġetti ta' riċerka kollaborattivi kienet partikolarment għolja fit-temi tal-enerġija u t-trasport b'rati ta' finanzjament qrib il-50% f'kull qasam. Fir-riċerka kollaborattiva, il-perċentwal ta' proġetti li ġġeneraw applikazzjonijiet għal privattivi jew tipi oħrajn ta' proprjetà intellettwali qabeż il-miri (bl-eċċezzjoni tat-tema tal-ikel, l-agrikoltura/is-sajd u l-bijoteknoloġija). Fl-FP7, l-SMEs kienu attivi prinċipalment fil-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' (b'16,492 SME parteċipanti jirċievu EUR 4.7 biljuni f'kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE) u fil-programm speċifiku 'Kapaċitajiet' (b'6,502 SME parteċipanti jirċievu EUR 1.3 biljun f'kontribut finanzjarju mill-UE). B'kollox, 17% tal-baġit tal-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' kienu allokati għall-SMEs, bil-mira tinqabeż bi 15%.

Il-PPPs li ġew stabbiliti taħt l-FP7 ipproduċew effetti sostanzjali ta' ingranaġġ. Fil-każ tal-IMI, il-kontribut tal-UE ta' EUR 1 biljun kien ippareġġjat minn kontributi prinċipalment in natura li jiswew mill-inqas EUR 1 biljun oħra mill-membri tal-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA). Il-baġit ta' EUR 1.6 miljun tal-ITK Sema Nadif ikkontribwew għalih fuq bażi ta' 50/50 il-Kummissjoni (fi flus) u l-industrija aeronawtika (kontribut in natura). Fil-każ tal-FCH, kontribut ta' EUR 470 miljun mill-UE kien ippareġġjat b'kontribut ta' EUR 470 miljun oħra mis-settur privat u parteċipanti oħrajn. L-UE u l-Istati Membri involuti kkommettew ukoll iktar minn EUR 1.547 biljun għall-PPPs ARTEMIS u ENIAC bi sforzi privati ta' R&Ż jżidu aktar minn EUR 2.529 biljuni fil-perjodu 2008-2013.

Dawn il-PPPs ġew evalwati b'mod pożittiv f'termini ta' operat u kisbiet. It-tieni evalwazzjoni interim tal-2013 dwar l-IMI, pereżempju, ikkonkludiet li l-IMI kien irnexxielha turi l-fattibbiltà ta' PPPs kbar b'bosta partijiet interessati għar-riċerka u l-iżvilupp fil-bijomediċina u li issa kienet magħrufa globalment bħala s-sħubija pubblika-privata (PPP) ta' quddiem nett fil-kura tas-saħħa. It-tieni evalwazzjoni interim tal-2013 dwar l-FCH ikkonkludiet li l-FCH kienet irrealizzat struttura adegwata ta' governanza, ħolqot djalogu effettiv bejn l-industrija u r-riċerka dwar aġenda strateġika komuni, u implimentat b'suċċess dik l-aġenda. Anke l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu dwar l-ARTEMIS u l-

ENIAC ikkonkludew li r-rilevanza, il-kwalità tal-proġetti u l-effettività tagħhom għadhom għoljin. Imma l-evalwazzjoni xorta rrakkomandat li l-programmi jkunu ankrati b'mod aktar ċar fi strateġija Ewropea għall-komponenti u s-sistemi elettroniċi u li kien meħtieġ sforz ikbar sabiex jiżdiedu l-koerenza u l-koordinazzjoni bejn il-proġetti u fi ħdan il-proġetti nfushom, tittejjeb il-ġestjoni tal-proġetti, u jitkejlu aħjar l-impatt u s-suċċess tal-proġetti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew meqjusa waqt it-tħejjija tal-iskema ta' segwitu.

Il-programm tal-Għajxien Megħjun Kontestwalment ħoloq massa kritika ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni b'iktar minn 120 proġett imnedija, bil-finanzjament jammonta għal aktar minn EUR 650 miljun[7]. Irnexxielu wkoll jattira involviment industrijali qawwi, b'iktar minn 40% minnu notevolment ikun involviment mill-SMEs. L-evalwazzjoni tal-2013 dwar il-programm ikkonkludiet ukoll li hemm evidenza promettenti ta' potenzjal ta' suq ta' prodotti u servizzi, ħierġa mill-proġetti. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin, bħalma huma t-titjib fil-metriċi u fil-monitoraġġ tal-programm għal valutazzjoni aħjar tal-impatt u l-allinjament ulterjuri tal-istrument suċċessur ma' inizjattivi oħrajn rilevanti, ittieħdu inkonsiderazzjoni fil-proposta għall-programm suċċessur.

Fit-tieni evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, instab li l-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) taħt l-FP7 ippermettiet żieda sostanzjali ta' investimenti ta' negozji fi proġetti ta' innovazzjoni u R&Ż. L-investiment privat addizzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni (jiġifieri l-effett multiplikatur) kien ta' EUR 34.1 biljun, ogħla mit-EUR 30 biljun mistennija. Dan jidher li kien attraenti għall-kumpaniji tal-Iżvilupp tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u laħaq jew qabeż il-miri tal-volum tas-self tiegħu, tejjeb il-kopertura ġeografika, u ppermetta lill-BEI jżid il-kapaċità tal-bank sabiex jagħti self iktar riskjuż. Dan l-approċċ xprunat mid-domanda fl-implimentazzjoni tal-RSFF ġie vvalutat b'mod pożittiv. L-evalwazzjoni għamlet bosta rakkomandazzjonijiet, fosthom li kumpaniji innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja jiġu mmirati aħjar bi prodotti finanzjarji speċifiċi, waqt li tissaħħaħ l-attività konsultattiva pilota u s-sistema tal-governanza. Rigward il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, il-Kummissjoni rrispondiet billi fl-istrumenti finanzjarji ta' Orizzont 2020 għamlet iktar enfasi kemm fuq l-impriżi żgħar ta' kapitalizzazzjoni medja kif ukoll fuq dawk ikbar. L-attività konsultattiva pilota wkoll qiegħda titkabbar b'mod konsiderevoli taħt Orizzont 2020, u s-sistema ta' governanza qiegħda tissaħħaħ.

Mill-2007 'l hawn, il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka ffinanzja iktar minn 4,300 riċerkatur ta' 64 nazzjonalità u t-timijiet tagħhom li jaħdmu fi ftit inqas minn 600 Istituzzjoni Ospitanti f'29 pajjiż fl-UE u l-Pajjiżi Assoċjati taħt l-FP7. L-KER jgħodd tmien rebbieħa tal-Premju Nobel u tliet rebbieħa ta' Medalji fil-Qasam fost id-detenturi tal-għotjiet tiegħu. Total ta' 134 benefiċjarju tal-KER irċevew premjijiet xjentifiċi internazzjonali prestiġjużi oħrajn. Iktar minn 20,000 artiklu li jirrikonoxxu finanzjament mill-KER dehru f'ġurnali influwenti riveduti bejn il-pari bejn l-2008 u l-2013. L-analiżi wriet li madwar 10% tal-artikli li jirrikonoxxu finanzjament mill-KER huma fost l-aktar pubblikazzjonijiet xjentifiċi influwenti fid-dinja (il-1% l-iżjed ikkwotati), imqabblin ma' inqas minn 1% għall-artikli

[7] http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/report-final-evaluation-ambient-assisted-livingjoint-programme

kollha tal-UE. Kull benefiċjarju tal-KER jimpjega medja ta' sitt riċerkaturi oħrajn, u hekk jikkontribwixxi għat-taħriġ ta' ġenerazzjoni ġdida ta' riċerkaturi eċċellenti. Dawn l-indikazzjonijiet jikkonfermaw il-valutazzjoni għolja tal-kwalità xjentifika tar-riżultati ta' dan il-programm u l-valur miżjud għoli li għandu meta mqabbel ma' programmi oħra.

L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, matul il-perjodu 2007-2013, taw l-appoġġ, kif kien ippjanat, lil madwar 50,000 riċerkatur (~ 10,000 kandidat tal-PhD) ta' 136 nazzjonalità differenti li jaħdmu f'iktar minn 81 pajjiż permezz ta' fellowships u miżuri oħrajn. Indikaturi tal-impatt jikkonfermaw ix-xejra li hija mmirata, li jiżdied l-għadd ta' riċerkaturi li qed jaħdmu fl-UE. Aktar minn 50% tal-proġetti ffinanzjati direttament jindirizzaw l-isfidi soċjali maġġuri ddefiniti fl-Istrateġija Ewropa 2020 (pereż. t-tibdil fil-klima). L-indikaturi kollha juri li qed isir progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-programm u hekk kif dawn kollha ħlief wieħed (il-parteċipazzjoni tan-nisa), qed jilħqu l-miri tagħhom jekk mhux ukoll jeċċeduhom. Evalwazzjoni interim ikkonfermat il-valur miżjud għoli tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie fil-bini ta' netwerks internazzjonali bejn ir-riċerka, l-akkademja u n-negozju, billi jipprovdu lir-riċerkaturi benefiċjarji żvilupp tal-karriera aħjar, permezz taż-żieda fil-volum, fl-ambitu u fl-eċċellenza tar-riċerka[8]. Ċertament, fl-2013, sentejn wara l-fellowships tagħhom, huwa stmat li 95% tal-fellows individwali għandhom pożizzjonijiet ta' impjieg, iktar mill-mira, u fellows parteċipanti rrappurtaw titjib fil-karrieri tagħhom. Il-programm ma kienx attraenti biss għall-universitajiet tal-ogħla livell, iżda wkoll għal mexxejja fl-innovazzjoni mis-settur privat.

Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' mobbiltà individwali taħt **il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja** hija konformi mal-miri jew aħjar, ħlief għas-sottoprogramm tat-tagħlim għall-adulti (Grundtvig). Is-sotto-programm Erasmus li jrawwem il-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi għoljin laħaq il-mira tiegħu ta' tliet miljun student fis-sena akkademika 2012/2013, b'iktar minn 250,000 student (+9%), inkluż iktar minn 48,000 allokazzjoni f'intrapriżi (+18%) fis-sena 2013 waħedha. Dan jammonta għal 5% tal-għadd totali annwali tal-gradwati Ewropej. Fuq nota kwalitattiva, 97% tal-istudenti preċedenti tal-Erasmus iqisu l-istudju barra l-pajjiż bħala vantaġġ fis-suq tax-xogħol. Fl-2013, il-kooperazzjoni internazzjonali taħt l-Erasmus Mundus ma' pajjiżi li mhumiex tal-UE kkontribwiet sabiex is-sistemi tal-edukazzjoni u r-riċerka tal-UE saru aktar attraenti madwar id-dinja. Mill-aqwa 100 università tal-UE skont il-klassifika ta' Shanghai, 96 (ogħla mill-mira ta' 93) ipparteċipaw fil-programmi konġunti tal-Erasmus Mundus. Madankollu, l-partecipazzjoni totali fil-perjodu 2009-2013 hija taħt il-miri, parzjalment minħabba li l-programmi mal-Istati Uniti u l-Kanada ġew limitati wara l-kriżi ekonomika.

L-evalwazzjoni finali tas-**CIP** ivvalutat li l-programm sar mezz importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, partikolarment kif inhu maħsub bħala proċess relattivament miftuħ li jmur lil hinn mill-enfasi sempliċi fuq l-iżvilupp teknoloġiku lejn perspettiva iktar bilanċjata li tinkludi żviluppi fis-settur tas-servizzi daqskemm f'tal-manifattura u li tintrabat ma' proċessi u mudelli tan-negozju daqskemm ma' prodotti. Il-kriżi ekonomika kurrenti enfasizzat l-importanza tal-għanijiet ċentrali tas-CIP u r-rilevanza kontinwa ta' ħafna mill-

[8] http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/more_info/evaluations/index_en.htm

kwistjonijiet li s-CIP kien imfassal biex jindirizza, li tagħmilha iktar urġenti li wieħed jibni fuq ideat li diġà rnexxew u kienu effettivi, bħalma huma l-istrumenti finanzjarji.

Id-domanda għall-istrumenti finanzjarji tas-CIP kienet qawwija sa mill-bidu nett tal-programm u l-baġit allokat ġie utilizzat kompletament. Sa Settembru 2013, il-faċilità ta' garanzija għall-SMEs ('SMEG') ipprovdiet self lil 275,113-il kumpanija u 340 SME kienu użaw il-faċilità għall-SMEs innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir ('GIF'). Jidher probabbli li l-għadd immirat ta' benefiċjarji se jinqabeż u li se jkun intlaħaq l-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-bidu u t-tkabbir tal-SMEs. Il-faċilità GIF u l-faċilitajiet ta' self u mikrokreditu ta' SMEG instabu rilevanti għall-ħtiġijiet tal-SMEs Ewropej għaliex jissodisfaw domanda għall-finanzi li kieku ma kinitx tintlaħaq u jikkontribwixxu għall-bidu u t-tkabbir tal-SMEs. Dawn għandhom effett ta' ingranaġġ qawwi. Għall-iSMEG kull EUR 1 mill-baġit tal-Unjoni rriżulta fi EUR 32 f'finanzjament u għall-GIF kull EUR 1 rriżulta f'EUR 6.7 f'investimenti ta' ekwità.

**CIP-IEE, EEPR, TEN-T; Marco Polo: Kontribut għal Tkabbir Sostenibbli (Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi)**

Effett importanti ta' ingranaġġ kien xprunat ukoll taħt is-**CIP permezz tal-programm għall-Enerġija Intelliġenti fl-Ewropa** (CIP-IEE). Fl-2013 dawk il-proġetti tal-IEE mmirati għal impatt fuq terminu qasir ta' żmien irċevew EUR 42 miljun mill-programm. Bħala riżultat, se jiġu ffrankati 165,000 tunnellata ta' fjuwils fossili kull sena, flimkien ma' kważi 500,000 tunnellata ta' CO2, u se jiġu ġġenerati kważi EUR 500 miljun f'investiment. Dan l-effett ta' ingranaġġ jikkonferma r-riżultati tal-evalwazzjoni finali tal-IEE li sabet li l-programm kien rilevanti u utli, li jwieġeb għall-ħtiġijiet, il-problemi u l-ostakli dejjem jevolvu marbutin ma' kwistjonijiet ta' enerġija sostenibbli fl-Ewropa, u li b'mod ġenerali l-azzjonijiet tiegħu kienu ta' kwalità tajba. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-programm kien strument utli li għandu jitkompla.

***L-Inizjattiva BUILD UP Skills – Ħiliet fl-enerġija għall-bennejja***

*Grazzi għall-Inizjattiva BUILD UP Skills appoġġjata mill-programm tas-CIP għall-Enerġija Intelliġenti fl-Ewropa, 30 tim tal-proġetti nazzjonali (UE 28 + in-Norveġja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja) ġemgħu aktar minn 1,600 organizzazzjoni madwar l-Ewropa sabiex jiddefinixxu strateġiji għat-taħriġ tal-benejja. Skont riżultati inizjali, iktar minn 3 miljun ħaddiem tas-sengħa jkunu jeħtieġu jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-enerġija rinovabbli jew fl-effiċjenza tal-enerġija sabiex l-Ewropa tkun tista' tilħaq l-għanijiet dwar l-enerġija tal-UE 20-20-20. Kull proġett nazzjonali identifika l-ostakoli ewlenin għat-taħriġ tal-forza tax-xogħol u miżuri ewlenin sabiex jingħelbu dawn l-ostakoli. Issa bdiet it-tieni fażi sabiex tappoġġja t-twaqqif jew it-titjib ta' skemi ta' taħriġ f'21 pajjiż.*[9]

Fl-2013, tlestew numru sostanzjali ta' proġetti, prinċipalment tal-gass u l-elettriku, taħt il-**Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR).** Il-finanzjament tal-EEPR għall-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku kkontribwixxa għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-gass u l-elettriku, b'żieda fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni. Il-programm għandu rilevanza għolja, bil-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2014 jagħmel sejħa għal aktar titjib fl-

[9] Sors: L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (EASME).

interkonnessjonijiet mal-partijiet iktar remoti u/jew inqas konnessi tajjeb tas-suq uniku[10]. L-EEPR ikkontribwixxa għall-ewwel parks eoliċi kbar 'il barra mill-kosta f'ilmijiet fondi. L-implimentazzjoni tal-programm iffaċċjat sfidi marbutin mal-kumplessità tat-teknoloġiji involuti (speċjalment fir-rigward tal-integrazzjoni tal-enerġija eolika 'il barra mill-kosta fil-grid, u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju), in-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-pubbliku, kwistjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku u l-aċċess għall-finanzjament fit-tul. Is-sottoprogramm tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju qiegħed jiffaċċja inċertezzi kbar bir-riskju li l-implimentazzjoni b'suċċess tiġi pperikolata. It-tagħlimiet mitgħallma mill-implimentazzjoni tal-EEPR ġew meqjusa mill-Kummissjoni waqt it-tħejjija tal-abozz tar-Regolament il-ġdid dwar l-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew għall-Effiċjenza tal-Enerġija (il-faċilità finanzjarja taħt l-EEPR) sabet li l-faċilità żiedet il-valur billi pprovdiet finanzjament fit-tul, ippromwoviet investimenti bbażati fuq is-suq u ta' kwalità, u rawmet fehim aħjar tad-dinamika fis-suq tal-effiċjenza fl-enerġija[11]. Din ukoll kellha effett ta' ingranaġġ importanti. Għal kull EUR 100 ta' finanzjament mill-UE, iktar minn EUR 110 huma pprovduti minn investituri oħrajn.

Il-mira ta' nofs it-terminu tat-**TEN-T** għall-2013, li jkunu bdew joperaw seba' proġetti prijoritarji, fil-parti l-kbira ntlaħqet. Minbarra ħames proġetti prijoritarji li diġà qed joperaw, fl-2013 l-ass tal-Linja ferrovjarja ta' veloċità kbira Pariġi-Brussell-Köln-Amsterdam-Londra beda jopera b'mod komplet u sar progress sinifikanti fuq il-proġett li fadal, l-ass tal-Linja ferrovjarja Berlin-Verona/Milan-Bologna-Napli-Messina-Palermo.

***It-Tlestija tat-Tieni Proġett Prijoritarju tat-TEN-T***

*L-Ass Prijoritarju Numru tnejn huwa l-ewwel proġett ferrovjarju transkonfinali ta' veloċità kbira għall-passiġġieri fl-Ewropa, li jgħaqqad bliet ewlenin fi Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit. In-netwerk 'Pariġi-Brussell-Köln-Amsterdam-Londra' joffri tnaqqis sostanzjali fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar bejn il-ħames pajjiżi u għalhekk jipprovdi lill-passiġġieri alternattiva reali għat-trasport bl-ajru u bit-triq. Jippermetti wkoll konnessjonijiet bejn uħud mill-ajruporti ewlenin ta' Ewropa 2020 - Brussell, Frankfurt, Cologne/Bonn, Paris Charles de Gaulle u Amsterdam Schiphol. Il-proġett tlesta mingħajr ma ħalla problemi finanzjarji jew ambjentali pendenti. Il-linja b'veloċità kbira tejbet drastikament il-konnessjoni bejn ir-Renju Unit u l-kontinent Ewropew u naqqset b'mod sinifikanti l-ħinijiet tal-ivvjaġġar bejn l-ibliet tal-aktar żona fl-Ewropa li għandha densità għolja tal-popolazzjoni. Tikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-ivvjaġġar intermodali ferrovjarju u bl-ajru, u hekk tgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tat-trasport tal-UE.*[12]

B'kuntrast, waqt li ġab bidla modali sostanzjali espressa f'biljuni ta' tunnellati-kilometru, l-effettività u l-adozzjoni tal-**Programm Marco Polo** ma kinux kompletament sodisfaċenti. Marco Polo I laħaq is-46% tal-bidla ppjanata[13] u waqt li l-proġetti ta' Marco Polo II għadhom għaddejjin, il-probabbiltà hija li r-riżultati finali tal-programm isegwu mudell simili. Hemm diversi raġunijiet għal din is-sitwazzjoni, inkluża t-tifsila speċifika tal-programm kif ukoll iċ-ċirkustanzi diffiċli tas-suq. Il-programm kien imfassal b'mod li jipproteġi l-fondi pubbliċi u għalhekk il-kumpaniji Ewropej kellhom jerfgħu r-riskji operazzjonali ewlenin tal-

---

[10] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20/21 ta' Marzu 2014.

[11] SWD(2013)457 finali tat-18.11.2013

[12] Sors: L-aġenzija TEN-TEA

[13] COM(2013)278 finali tal-14.5.2013 u ECA SR 3/.

investiment huma stess. Huma qiesu wkoll il-programm bħala wieħed kumpless wisq. Barra minn hekk, billi s-soluzzjonijiet tat-trasport multimodali b'mod ġenerali jassoċjaw riskji ikbar u jirrikjedu investimenti ogħla mit-trasport purament bit-triq, il-programm deher li kien partikolarment sensittiv għall-effetti tal-kriżi ekonomika u għat-tnaqqis li qed jirriżulta fil-volumi tat-trasport. Madankollu, billi l-pagamenti jsiru abbażi tar-riżultati miksuba, il-programm xorta għadu jirrappreżenta użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi, bi stima ta' EUR 13 f'benefiċċji ambjentali għal kull EUR 1 investit (l-eżitu finali ta' Marco Polo I). Però, kollox ma' kollox, minħabba r-riżultati li ta l-programm u l-kuntest tal-politika tat-trasport li qed tevolvi, dan l-approċċ għall-finanzjament tal-UE għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija mhuwiex se jitkompla.

**Galileo u GMES-Copernicus: Kontribut għal Tkabbir Sostenibbli: 'Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni'**

Bil-kontribut għall-inizjattiva ewlenija 'Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni', fl-2013, is-**sistema Ewropea għan-navigazzjoni bis-satelliti Galileo u s-sistema Ewropea għall-osservazzjoni tad-dinja GMES-Copernicus** għamlu progress mill-fażi tal-iżvilupp għal dik operazzjonali. Dan huwa pass kbir għax se jipprovdi lill-UE bl-infrastruttura strateġika sabiex tisfrutta l-potenzjal ekonomiku stmat li huwa enormi tas-servizzi u l-applikazzjonijiet downstream.

L-erba' satelliti Galileo rnexxielhom jiffissaw ruħhom għall-ewwel darba b'mod awtonomu. Ġew skjerati bosta stazzjonijiet terreni madwar id-dinja. Il-fażi tal-validazzjoni tal-Galileo ntemmet b'suċċess fl-2013. Waqt li s-segment tal-art tal-Galileo baqa' jiġi skjerat skont il-pjan, inqalgħu diffikultajiet fil-produzzjoni tas-satelliti. Id-diffikultajiet tekniċi ltaqa' magħhom il-kostruttur privat u l-varar previst ta' żewġ satelliti fl-2013 kellu jiġi pospost (jiġifieri total ta' erba' satelliti) Dan juri l-importanza ta' ġestjoni tajba tar-riskju u ta' governanza aħjar tal-partijiet kollha involuti. L-iskeda futura tal-varar qiegħda tiġi kkonsolidata wara li ġew riżolti kwistjonijiet tekniċi speċifiċi għas-satelliti.

Rigward il-GMES-Copernicus, tnejn minn sitt servizzi GMES-Copernicus bdew joperaw kompletament għall-monitoraġġ tad-dinja (immaniġġjar tal-emerġenzi u monitoraġġ tal-art). Id-dejta tas-servizzi tal-emerġenza u l-monitoraġġ tal-art issa hija disponibbli bla ħlas għall-utenti tal-GMES. Evalwazzjoni interim tal-2013 li vvalutat l-operazzjonijiet inizjali tal-GMES (GIO) sabet li minkejja li żewġ servizzi biss setgħu jiġu żviluppati minħabba limitazzjonijiet baġitarji, il-GIO jidher li huwa mekkaniżmu effettiv għall-iżvilupp ta' servizzi li joperaw b'mod sħiħ[14], bil-GMES juri valur miżjud tal-UE bl-għoti ta' riżultati li qatt ma setgħu jinkisbu fuq il-livell purament nazzjonali.

***Fl-2013, il-GMES tat servizzi ta' siwi lill-iskwadri tas-salvataġġ involuti fl-għargħar fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka u fl-Ungerija, kif ukoll fin-nirien fil-foresti tal-Portugall.***

*Aspetti operazzjonali tal-prestazzjoni*

[14] http://ec.europa.eu/enterprise/dg/evaluation/reports_en.htm

Ġew eżaminati aspetti differenti tal-implimentazzjoni tal-programm FP7.

Il-benefiċċji tal-esternalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-FP7 lil aġenziji ġew innutati f'żewġ evalwazzjonijiet. L-evalwazzjoni dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) stmat li l-iffrankar li jirriżulta mid-delegazzjoni ta' kompiti lill-ERCEA kien ta' EUR 45 miljun matul il-perjodu 2009-2012. L-evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka kkonfermat iffrankar ta' madwar EUR 106.4 miljun matul il-perjodu 2009-2012.

Barra minn hekk, rispons dwar il-prestazzjoni rigward jekk il-Kummissjoni żguratx implimentazzjoni effiċjenti tal-FP7 sar disponibbli f'rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[15]. Il-Qorti kkonkludiet li l-Kummissjoni ħadet numru ta' passi sabiex tissimplifika r-regoli imma hemm iżjed x'jista' jsir u xi aspetti tal-implimentazzjoni tal-FP7 huma affettwati minn nuqqas ta' koerenza. Instab li l-attenzjoni ffokat l-iktar fuq l-iżgurar ta' nfiq ta' kwalità għolja u inqas fuq l-effiċjenza. Ġie nnotat li l-proċessi għandhom jitqassru iktar, u għalkemm iż-żmien tal-għoti (jiġifieri biex jiġu ffirmati l-kuntratti) qiegħed jonqos, kien hemm differenzi bejn is-servizzi matul l-ewwel ħames snin tal-FP7. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti kollha ġew aċċettati mill-Kummissjoni u ħafna minnhom ġew ikkunsidrati waqt it-tħejjija tas-suċċessur tal-FP7. Pereżempju, sabiex ikun żgurat it-twettiq konsistenti tal-FP7, u bħala għajnuna fil-koordinazzjoni u t-twettiq ta' Orizzont 2020, twaqqaf Ċentru ta' Appoġġ Komuni bil-għan li jipprovdi servizzi ta' kwalità għolja f'għajnuna legali, awditjar ex-post, sistemi u operazzjonijiet tal-IT, proċessi tan-negozju, informazzjoni dwar il-programm u dejta lid-Direttorati-Ġenerali tar-riċerka, l-aġenziji eżekuttivi u l-intrapriżi konġunti (JUs) kollha li qed jimplimentaw Orizzont 2020. Ġie implimentat kampjun rappreżentattiv komuni ta' kontrolli ex-post li jkopri l-partijiet kollha tal-FP7.

### 2.1.2. KOEŻJONI GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI (intestatura baġitarja 1B)

*L-għanijiet tal-programm u Ewropa 2020*

Il-'Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi' tkopri dawn il-Fondi Strutturali: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), kif ukoll il-Fond ta' Koeżjoni (CF). Bl-allokazzjoni tagħha ta' EUR 349 biljun il-politika tal-koeżjoni tirrappreżenta 36% tal-baġit tal-Unjoni matul il-perjodu 2007-2013 u hija wieħed mill-iktar strumenti ta' finanzjament viżibbli tal-UE mfassla sabiex jagħtu kontribut sinifikanti lill-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa. B'iktar minn EUR 270 biljun, il-FEŻR u s-CF bejniethom irrappreżentaw kważi 80% tal-baġit totali taħt din l-intestatura baġitarja, waqt li l-allokazzjoni tal-FSE hija ta' madwar EUR 75 biljun.

It-tliet fondi, kollha taħt ġestjoni konġunta, jitwasslu permezz ta' programmi ġestiti fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Dawn il-Fondi jikkontribwixxu għall-għanijiet kollha ta' Ewropa 2020.

---

[15] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) Rapport Speċjali (RS) 2/2013.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-**assistenza tal-FEŻR** kien li ttejjeb l-effiċjenza tal-impriżi billi tgħinhom jinvestu f'makkinarju u tagħmir ġdid jew jiżviluppaw prodotti ġodda. Il-FEŻR intuża wkoll f'bosta partijiet ta' Ewropa 2020 sabiex jassisti l-użu tal-ICT mill-SMEs, l-introduzzjoni ta' mezzi diġitali għall-aċċess ta' servizzi pubbliċi u l-investiment fil-broadband sabiex jittejjeb l-aċċess għall-internet, jew f'xi każi sabiex jiġi pprovdut aċċess fejn qabel ma kienx jeżisti.

Il-**FEŻR u s-CF** issoktaw ukoll biex jipprovdu appoġġ lil oqsma ta' investiment maġġuri bħalma huma l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport u tal-ambjent, kif ukoll il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi.

Fost l-oqsma ewlenin tal-**assistenza tal-FSE** hemm l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol fejn l-Istati Membri ddependew fuq il-FSE sabiex japoġġjaw politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP). Fl-UE-12, fejn il-baġits tal-ALMP huma baxxi (inqas minn 0.5% tal-PDG), l-infiq tal-FSE fuq l-ALMP jirrappreżenta iktar minn nofs it-total tal-finanzjament tal-ALMP (54.1% 2007-2010).

Ħafna Stati Membri ffokaw ukoll l-attivitajiet tal-FSE tagħhom fuq il-bidu ta' negozji ġodda minn nies qiegħda jew li ġejjin minn gruppi żvantaġġati, kif ukoll fuq is-sostenibbiltà u l-kwalità tax-xogħol ta' sidien ta' negozji u mikroimprendituri li jaħdmu għal rashom. 17-il Stat Membru inkludew l-intraprenditorija bħala prijorità fil-programmi operazzjonali tagħhom fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

B'konformità mal-impenn tagħha li timmira għajnuna mill-fondi strutturali għall-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 'Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali', il-Kummissjoni allokat 20% tal-FSE b'risq l-għan li jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020. Madankollu, kif ġie kkonfermat fl-analiżi li għamlet il-Kummissjoni dwar il-progress f'Ewropa 2020, l-ilħuq ta' din il-mira se jkun sfida meta jitqies li l-għadd tan-nies li jinsabu fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-UE (jinkludu nies li jinsabu f'riskju ta' faqar finanzjarju, li qed iġarrbu tiċħid materjali jew li qed jgħixu f'familji bla xogħol) żdied minn 114-il miljun fl-2009 għal 124 miljun fl-2012[16].

*It-twettiq tal-programm*

Skont rapporti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Fondi Strutturali kienu għodda ewlenija biex inżammu l-impjiegi u ġie stabbilizzat il-qgħad.

**L-interventi tal-FEŻR** għenu biex jinħolqu l-impjiegi, prinċipalment permezz tal-**appoġġ għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-SMEs.** Minn dak li turi d-dejta tal-monitoraġġ huwa stmat li nħolqu 594,000 impjieg addizzjonali bejn l-2007 u l-2012. L-ikbar għadd ta' impjiegi ġodda rrappurtati kien fil-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Ungerija, Spanja, l-Italja, u l-Polonja[17]. Firxa wiesgħa ta' miżuri tal-FEŻR ġew implimentati madwar l-UE sabiex **jiġu megħjuna l-intrapriżi u l-kapaċitajiet innovattivi tagħhom.** Ir-riżultati tal-evalwazzjoni

[16] COM(2014) 130 finali/2 tad-19.03.2014

[17] http://ec.europa.eu/regional_policy/impact/index_mt.cfm#1

jissuġġerixxu li l-appoġġ lill-impriżi huwa s-sors ewlieni tal-ħolqien tal-impjiegi fost l-interventi kollha kofinanzjati mill-FEŻR[18]. Skont ir-rapporti nazzjonali annwali ta' implimentazzjoni l-aktar riċenti, kważi 200,000 impriża, fosthom kważi 80,000 ġodda, irċevew għajnuna mill-FEŻR sal-aħħar tal-2012 b'iktar minn 260,000 impjieg maħluqa fl-SMEs[19].

Sal-aħħar tal-2012, **l-investimenti** tal-FEŻR **fl-ICT** kienu wasslu biex iktar minn 5 miljun ruħ addizzjonali kisbu aċċess għall-broadband, madwar nofshom f'reġjuni inqas żviluppati. Dan jikkontribwixxi sabiex titnaqqas il-qasma diġitali li għadha relattivament wiesgħa f'għadd ta' pajjiżi, speċjalment fl-UE-12 u fl-Istati Membri tal-UE-15 tan-nofsinhar.

L-Istati Membri rrapportaw li nkiseb progress fl-implimentazzjoni ta' **investimenti ta' infrastruttura tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEŻR** imma r-riżultati huma taħt il-mira fir-rigward ta' ħafna mill-**proġetti infrastrutturali tat-trasport jew ambjentali**, speċjalment għall-UE-12.

***Eżempju ta' suċċess fl-Estonja**: Titjib kofinanzjat mill-UE fin-netwerk ferrovjarju wassal għal tnaqqis ta' 31% fil-ħin tal-ivvjaġġar f'partijiet tan-netwerk sal-aħħar tal-2012, bil-mira tkun li jissokta jitnaqqas għal 45% sal-aħħar tal-2015*[20].

Fis-settur tat-trasport, fl-2007-2013 kienu pprogrammati madwar EUR 42 biljun għall-infrastruttura tat-toroq, inklużi toroq tat-TEN-T u nazzjonali, reġjonali u lokali. Għall-infrastruttura ferrovjarja kienu pprogrammati madwar EUR 23 biljun, inklużi l-proġetti tat-TEN-T. Bħala riżultat tal-finanzjament konsiderevoli li sar disponibbli kien hemm xi riżultati sinifikanti, speċjalment fil-forma ta' titjib fil-linji ferrovjarji eżistenti b'iktar minn 2,300 km ta' linji ferrovjarji mibnija mill-ġdid jew immodernizzati. Inbnew mill-ġdid ukoll iktar minn 30,000 km ta' toroq. Madankollu, il-kostruzzjoni ta' linji ferrovjarji ġodda waqgħet lura serjament fil-pajjiżi tal-Fond ta' Koeżjoni, tant li s'issa ntemmu biss 59 km minn 253 km. Ġew identifikati diffikultajiet f'termini ta' żvilupp ħażin tal-proġetti, kapaċità amministrattiva limitata, diffikultajiet ta' implimentazzjoni u dewmien fil-Polonja, problemi tal-akkwist fir-Rumanija u fis-Slovenja, kif ukoll proċeduri twal tal-ippjanar spazjali fis-Slovenja.

Fis-settur tal-ambjent fejn l-allokazzjonijiet tal-programm għall-perjodu 2007-2013 huma qrib EUR 50 biljun, ġie esperjenzat dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti f'bosta Stati Membri, speċjalment fejn l-investimenti huma ġestiti fil-livell muniċipali. L-iktar problemi

---

[18] Ara r-Rapport tas-Sinteżi tan-Netwerk ta' Evalwazzjoni ta' Esperti "Job creation as an indicator of outcomes in ERDF programmes" ["Il-ħolqien tax-xogħol bħala indikatur tar-riżultati fil-programmi tal-FEŻR"]: http://ec.europa.eu/regional_policy/information/evaluations/index_en.cfm#1

[19] http://ec.europa.eu/regional_policy/impact/index_mt.cfm

[20] Ara s-Sinteżi tar-Rapporti Nazzjonali 2013 "Expert evaluation network on the performance of Cohesion policy 2007-2013" ["In-netwerk ta' evalwazzjoni ta' esperti dwar il-prestazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013"]:

http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/eval2007/2013_een_task2_synthesis_final.pdf

komuni huma marbutin mal-akkwisti pubbliċi, il-proċeduri tal-ippjanar u kapaċità limitata fil-ġestjoni ta' proġetti, kif ukoll, f'xi każijiet, ma' nuqqas ta' kofinanzjament minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li għaddej bħalissa. Ġew innotati diffikultajiet partikolarment fil-Bulgarija, fejn ir-rata tar-rimborż fis-settur tal-ilma laħqet biss il-11%, li tfisser li l-miri sostanzjalment mhumiex se jintlaħqu, u fir-Rumanija. Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, il-Kummissjoni talbet li jsiru riformi serji fis-setturi u fl-organizzazzjoni, waqt li ħeġġet l-użu tar-riżorsi kollha ta' assistenza teknika disponibbli mid-diversi Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.

***Eżempji ta' suċċessi:***

***L-Italja**: Proġetti kofinanzjati mill-FEŻR wasslu biex jitjieb it-trattament tal-ilma użat għal iktar minn miljun ruħ, jew madwar 13% tal-popolazzjoni totali, f'reġjuni ta' Konverġenza u kważi 40% minnhom fi Sqallija u fil-Basilicata, fejn sar ħafna mill-investiment.*

***Malta**: L-Impjant tat-Trattament tad-Drenaġġ fin-Nofsinhar mibni bl-għajnuna tal-finanzjament tal-UE, li kapaċi jittratta 80% tad-drenaġġ iġġenerat fil-gżira, wassal biex l-istatus tal-ilmijiet kostali fin-nofsinhar tal-pajjiż jittella' minn Klassi 3 għal Klassi 1 u biex Malta ssir l-ewwel pajjiż Mediterranju li jittratta l-ilma użat kollu qabel ma jintrema fil-baħar.*

Fis-**settur tal-enerġija**, fejn saru allokazzjonijiet tal-programmi tal-FEŻR/CF ta' madwar EUR 4.5 biljun għall-perjodu 2007-2013 għal proġetti fl-enerġiji rinovabbli (eolika, solari, tal-bijomassa, idroelettrika u ġeotermali), il-kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinovabbli kienet diġà żdiedet b'2 400 MW sal-aħħar tal-2012. Barra minn hekk, huma pprogrammati investimenti fl-enerġija effiċjenti ta' madwar EUR 6 biljun fi blokok ta' appartamenti u binjiet pubbliċi u l-evidenza tal-evalwazzjoni dwar l-effettività tagħhom mistennija tkun disponibbli sal-aħħar tal-2015.

***Eżempju ta' suċċess fl-Awstrija**: Il-proġetti megħjuna wasslu biex il-kapaċità ta' ġenerazzjoni f'55 impjant li jużaw il-bijokarburanti tiżdied b'89 MW, jew b'20%, bir-riżultat ta' tnaqqis potenzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għad-CO2 prodott minn madwar 33,000 karozza.*

Il-FEŻR jagħti wkoll investimenti fl-**infrastruttura soċjali** f'oqsma bħalma huma l-edukazzjoni, is-saħħa, il-kura tat-tfal u d-djar, li jikkumplimentaw il-miżuri "rotob" iffinanzjati mill-FSE. Fl-Istati Membri l-ġodda l-investiment tal-FEŻR fl-infrastruttura soċjali f'ħafna każi huwa l-uniku riżors għall-immodernizzar u r-riforma tas-servizzi pubbliċi, waqt li fl-UE-15 ġeneralment huwa riżors addizzjonali.

Parti kbira mill-**investiment tal-FSE** matul il-perjodu 2007-2013 għandha l-għan li tippromwovi l-**aċċess għall-impjiegi** – kważi EUR 23 biljun ġew ipprogrammati għal dan l-iskop. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni[21] mill-evalwazzjonijiet robusti li huma disponibbli juru li differenzi netti sinifikanti f'termini ta' impjiegi u qgħad huma assoċjati mal-interventi tal-FSE. Pereżempju, instab li individwi f'interventi appoġġjati mill-FSE huma iktar probabbli li jsibu impjieg minn gruppi ta' kontroll – hemm ukoll xi evidenza li dan l-effett huwa iktar ċar fil-każ ta' gruppi ta' nies iktar żvantaġġati. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni

[21] In-Netwerk ta' Evalwazzjoni ta' Esperti tal-FSE - Final synthesis report on main ESF achievements [Rapport ta' sinteżi finali dwar il-kisbiet ewlenin tal-FSE], 2007-2013

nazzjonali jindikaw li 2.4 miljun ruħ li ħadu sehem f'operazzjonijiet appoġġjati mill-FSE sabu impjieg fi żmien 6 xhur minn meta temmew l-intervent. Huwa stmat li, sal-aħħar ta' Diċembru 2012, kien hemm total ta' iktar minn 5.7 miljun dħul fix-xogħol marbutin mal-appoġġ tal-FSE. Għadd ta' evalwazzjonijiet jenfasizzaw ukoll ir-riżultati 'rotob' assoċjati mal-interventi tal-FSE dwar l-aċċess għall-impjiegi, inkluża r-responsabilizzazzjoni ta' individwi li qegħdin ifittxu impjieg u l-motivazzjoni biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Ir-rapport finali tan-Netwerk ta' Evalwazzjoni ta' Esperti tal-FSE dwar il-kisbiet tal-FSE għall-2007-2013 jirrapporta li nkisbu wkoll riżultati sinifikanti relatati ma' **impriżi li nbdew ġodda u ma' nies li bdew jaħdmu għal rashom** f'xi Stati Membri, bi kważi 550,000 kisba f'dan ir-rigward. Fil-qasam ta' politika li jiffoka speċifikament fuq **iż-żieda fl-adattabilità**, ġew irreġistrati iktar minn 13.1 miljun parteċipazzjoni, b'dawk marbutin mal-impjegati jkunu l-iktar grupp sostanzjali b'iktar minn 8.5 miljuni - li minnhom kważi 847,000 parteċipazzjoni kienu jikkonċernaw nies li jaħdmu għal rashom, u b'hekk intweriet l-importanza tal-appoġġ tal-FSE lil impriżi ġodda fi ħdan il-qasam tal-politika ta' adattabilità fejn ġew ipprogrammati madwar EUR 13-il biljun sabiex tiżdied l-adattabilità tal-ħaddiema, tal-impriżi, tal-intrapriżi u tal-imprendituri matul il-perjodu 2007-2013.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, **iż-żgħażagħ** jibbenefikaw iktar minn proporzjonalment mill-appoġġ tal-FSE - iktar minn 30% tal-parteċipazzjonijiet kollha tal-FSE; iktar minn 50% fil-Ġermanja, u qrib l-40% fl-Ungerija, fi Franza u fid-Danimarka. B'kuntrast, din il-figura hija 15% jew inqas fl-Isvezja, fil-Portugall u f'Ċipru, u tirrifletti d-deċiżjonijiet ta' politika nazzjonali.

L-evalwazzjonijiet jindikaw li l-benefiċjarji tal-FSE apprezzaw is-servizz jew l-appoġġ li kienu rċevew u hemm evidenza li l-interventi tal-FSE sabiex **jappoġġjaw ir-riżorsi umani** f'impriżi li kienu qed jaffrontaw problemi ta' tkeċċijiet, jew ta' tnaqqis b'mod aktar ġenerali, għenu sabiex jistabbilizzaw il-livelli tal-impjiegi f'dawn l-entitajiet. Madankollu, minkejja investiment sinifikanti sabiex jiżdiedu l-ħiliet u jiġu pprovduti kwalifiki lill-impjegati eżistenti, ma hemm ebda evidenza dwar l-effetti fuq il-produttività fi ħdan kull impriża, jew dwar il-benefiċċju pożittiv għall-qligħ proprju jew għall-mobbiltà tax-xogħol tagħhom.

L-interventi tal-FSE appoġġjaw ukoll **politiki ta' inklużjoni soċjali** (bl-introduzzjoni ta' strateġiji ta' inklużjoni attiva, approċċi ta' investiment soċjali u użu iktar effiċjenti u effettiv tal-baġits soċjali) bil-fehma li jgħinu lil dawn il-gruppi li għandhom aċċess inqas faċli għas-suq tax-xogħol (pereżempju, żgħażagħ, ġenituri waħedhom, immigranti, u nies ikbar fl-età). Il-FSE ffinanzja wkoll l-iżvilupp ta' servizzi soċjali, bil-għan li jtejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà għal gruppi żvantaġġati, pereżempju fil-Latvja, fir-Rumanija u fi Spanja. Fl-2007-2013 madwar EUR 13-il biljun mill-FSE ġew immirati sabiex tittejjeb l-inklużjoni soċjali ta' persuni aktar żvantaġġati. Minkejja li ħafna mir-rapporti tan-Netwerk ta' Evalwazzjoni ta' Esperti tal-FSE dwar il-pajjiżi kklassifikaw il-prestazzjoni tal-finanzjament tal-UE fil-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali bħala l-inqas effiċjenti, in-numri tad-dħul fix-xogħol marbutin ma' interventi ta' inklużjoni soċjali huma sostanzjali, b'iktar minn 164,000 irreġistrati (ħafna minnhom fi Spanja). Dan huwa qasam tal-finanzjament tal-UE fejn huwa partikolarment diffiċli li tidentifika b'mod ċar kemm l-azzjonijiet iffinanzjati jikkontribwixxu għall-għanijiet ġenerali tal-politika. L-oqsma tal-

inklużjoni soċjali u tal-edukazzjoni jaqgħu prinċipalment taħt il-kompetenza nazzjonali u l-konċentrazzjoni tal-investimenti fl-inklużjoni soċjali tvarja skont l-Istat Membru, biex hekk l-identifikazzjoni tal-valur miżjud tal-intervent tissokta tikkomplika ruħha.

Kollox ma' kollox, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-2007-2013 huma mistennija li jkomplu jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv għall-inqas sal-aħħar tal-2015. Rigward il-programmi l-oħrajn fil-perjodu tal-MFF li għadda, l-evalwazzjoni ex-post tal-prestazzjoni tal-programmi għad trid tasal, u f'dan il-każ għandha titlesta sal-aħħar tal-2015. Hemmhekk biss ikun possibbli li tingħata ħarsa ġenerali aktar ċara lejn il-kontribut li jkunu taw il-programmi b'risq l-għanijiet ġenerali tagħhom.

_Aspetti operazzjonali tal-prestazzjoni_

Sa mill-bidu tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, il-Kummissjoni ħadet serje ta' miżuri sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni biex tiżgura li r-riżorsi kollha jiġu mmobilizzati b'mod sħiħ ħalli tgħin fl-isforzi li jagħmlu l-Istati Membri u r-reġjuni biex jirkupraw, kif ukoll sabiex iġġib l-interventi kofinanzjati tal-UE konformi mal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020. Fis-snin riċenti saru żewġ tipi ta' modifiki importanti fil-pjanijiet oriġinali tal-programmazzjoni – il-programmazzjoni tematika mill-ġdid u t-tnaqqis immirat fir-rekwiżiti ta' kofinanzjament nazzjonali.

Iktar minn EUR 45 biljun - jew 13% tal-fondi totali - ġew **programmati mill-ġdid** minn qasam tematiku għal ieħor sal-aħħar tal-2013 sabiex jingħata appoġġ lill-ħtiġijiet l-aktar urġenti u jissaħħu ċerti interventi. F'termini tat-temi ta' investiment, il-bidliet ġabu magħhom żidiet għall-innovazzjoni u r-R&Ż, l-għajnuna ġenerika għan-negozju, l-enerġija sostenibbli, l-infrastruttura soċjali, it-toroq u s-suq tax-xogħol, inklużi l-impjiegi fost iż-żgħażagħ. Dawn il-bidliet huma koerenti mal-istrateġija Ewropa 2020 u jwieġbu għall-ħtieġa li l-istrumenti finanzjarji tal-UE jiffokaw iktar fuq dawn is-suġġetti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni approvat **tnaqqis fir-rekwiżiti ta' kofinanzjament nazzjonali** għal xi Stati Membri (ES, GR, IE, IT, LT, u PT u fuq skala iżgħar BE, FR u UK) fl-2011-2012. Dan naqqas ir-rekwiżit tan-nefqa pubblika nazzjonali minn EUR 143 biljun għal EUR 118-il biljun, jiġifieri tnaqqis ta' 18%, u sar bl-għarfien li l-baġits nazzjonali kienu taħt pressjoni u li bit-tnaqqis tal-piż fuq il-finanzi nazzjonali l-investimenti mibdija diġà setgħu sostanzjalment jitlestew.

Sabiex jiżdied iktar il-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE u jintwerew riżultati aktar viżibbli, il-Kummissjoni ħadmet ukoll sabiex tippromwovi u tiffaċilita l-**użu integrat tal-investimenti tal-FSE u tal-FEŻR.** Ħafna Stati Membri diġà ddeċidew li japplikaw l-approċċ integrat f'oqsma ewlenin tal-inklużjoni soċjali bħalma huma t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali tat-tfal għal waħda bbażata fil-komunità, kif ukoll l-integrazzjoni ta' komunitajiet emarġinati, bħalma huma r-Roma.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni segwiet rakkomandazzjonijiet ewlenin minn erba' rapporti speċjali tematiċi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri relatati ma' oqsma ta' azzjoni

tal-programmi tal-FEŻR/CF, jiġifieri l-effiċjenza fl-enerġija, proġetti infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali, ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari abbandunati u t-toroq.[22] L-erba' rapporti kollha kkonkludew li r-riżultati mistennija nkisbu u li l-proġetti kienu implimentati kif kien previst, imma b'xi dewmien u spejjeż żejda. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti identifikaw ukoll il-ħtieġa ta' enfasi aktar qawwi fuq l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-proġetti meta jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-investiment; analiżi iktar b'saħħitha tal-ħtiġijiet waqt l-għażla tal-proġetti; u indikaturi mtejba u trasparenti tal-prestazzjoni. Il-qafas leġiżlattiv 2014-2020 jippermetti lill-Kummissjoni li tapplika wħud mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Qorti, jiġifieri: iffokar iktar qawwi orjentat lejn ir-riżultati fil-programmi kofinanzjati b'konnessjoni bejn l-azzjonijiet ewlenin tal-Qafas Strateġiku Komuni u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż taħt is-Semestru Ewropew; il-provvediment ta' ftehimiet ta' sħubija ma' Stati Membri li jkunu jinkludu analiżi tad-disparitajiet u tal-ħtiġijiet ta' żvilupp; kondizzjonalitajiet ex-ante; u rapportar annwali dwar l-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-assi prijoritarju bbażat fuq id-definizzjoni komuni ta' indikaturi.

### 2.1.3. PREŻERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI (intestatura baġitarja 2)

*L-għanijiet tal-programm u l-Ewropa 2020*

It-tieni intestatura baġitarja tkopri l-appoġġ lill-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-ambjent, u tammonta għal 43% tan-nefqa tal-UE fil-perjodu 2007-2013. Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi (34% tan-nefqa totali tal-UE) huma allokati bħala għajnuna diretta lill-bdiewa taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK). Il-Fond Ewropew għas-Sajd huwa l-istrument ewlieni li jiffinanzja l-politika komuni tas-sajd. Il-finanzjament ambjentali ddedikat huwa pprovdut permezz tal-istrument LIFE+.

**Il-Politika Agrikola Komuni (PAK)** għandha l-għan li tippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv għall-agrikoltura u ż-żoni rurali tal-UE b'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020. Hija komposta minn żewġt taqsimiet jew 'pilastri': 1) in-nefqa marbuta mas-suq u l-pagamenti diretti għall-bdiewa u 2) l-iżvilupp rurali.

L-għan tal-**politika komuni tas-sajd (PKS)** huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fuq terminu twil ta' żmien u li jkunu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, u li jingħata kontribut għad-disponibbiltà ta' provvisti tal-ikel. Permezz tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) l-UE tipprovdi għajnuna finanzjarja lis-settur tas-sajd (inklużi l-attivitajiet kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura) u għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni li jiddependu fuq is-sajd.

B'baġit ta' madwar EUR 300 miljun fis-sena, il-proġetti ffinanzjati mil-**LIFE+** għandhom l-għan li jittestjaw approċċi innovattivi jew juru approċċi ġodda jew japplikaw l-aħjar prattiċi għas-soluzzjoni ta' problemi relatati mal-ambjent jew mat-tibdil fil-klima. Hi u

[22] SR20/2012; SR21/2012; SR23/2012; SR5/2013

tappoġġja l-Istrateġija Ewropa 2020, it-taqsima tan-Natura u tal-Bijodiversità tal-programm tippromwovi azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jitwaqqaf u, fejn ikun possibbli, jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, waqt li t-taqsima tal-Ambjent tiegħu tikkontribwixxi għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u favur il-klima, li toffri lin-negozju - b'mod partikolari lill-SMEs - opportunità li jittestjaw tekniki u metodoloġiji ġodda qabel jintroduċuhom fil-katina tal-produzzjoni. It-taqsima tal-Informazzjoni tikkofinanzja proġetti relatati mal-komunikazzjoni u ma' kampanji li jqajmu kuxjenza fuq kwistjonijiet dwar l-ambjent, il-protezzjoni tan-natura jew il-konservazzjoni tal-bijodiversità.

*Il-prestazzjoni tal-programm*

Id-dejta turi li l-**għajnuniet diretti lill-bdiewa** (taħt **l-ewwel pilastru tal-PAK**) jistabbilizzaw id-dħul tal-irziezet u b'hekk jikkontribwixxu għall-vijabbiltà ekonomika tagħhom. Il-pagamenti diretti bħala medja ammontaw għal kważi nofs id-dħul tal-azjendi familjari fl-2012 (48%). Għalkemm fl-2013, id-dħul agrikolu reali għal kull ħaddiem fl-UE-28 naqas b'1.3%, matul l-għaxar snin preċedenti dan żdied b'madwar 30%. It-tnaqqis fl-2013 kien dovut prinċipalment għaż-żieda ogħla f'termini reali fil-prezzijiet tax-xiri tal-mezzi tal-produzzjoni agrikola (+0.7%), waqt li l-prezzijiet miksuba mill-bejgħ ta' prodotti agrikoli baqa' stabbli.

Ir-riformi tal-PAK mill-1992 'l hawn tejbu l-orjentazzjoni tas-suq tal-agrikoltura tal-UE u naqqsu n-nefqa fuq ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u l-interventi pubbliċi. Il-proporzjon tal-esportazzjoni sussidjata mal-esportazzjoni totali naqas minn 1.9% fl-2007 għal 0.1% fl-2012. Il-valur tal-flussi tal-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn l-UE u l-bqija tad-dinja żdied minn EUR 80 biljun fl-2008 għal iktar minn EUR 120 biljun fl-2013.

Fl-2013 twettqu għadd ta' evalwazzjonijiet dwar elementi differenti tal-PAK.

L-evalwazzjonijiet dwar l-impatti tal-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel Ewropej[23] u dwar il-miżuri tal-PAK għas-settur tal-apikultura (trobbija tan-naħal)[24] ikkonfermaw l-adegwatezza tal-istrumenti applikati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika, kif ukoll il-valur miżjud tal-UE b'xi rakkomandazzjonijiet għal iktar titjib fir-rigward tal-kumplimentarjetà ma' skemi u inizjattivi relatati. L-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel (SMS) kienet ivvalutata bħala għodda adegwata sabiex jiżdied il-konsum tal-ħalib fost it-tfal u b'dan il-mod jittejbu d-drawwiet ta' ikel tagħhom. Ħafna Stati Membri indikaw li l-iskema kienet il-fattur ewlieni fit-tnedija u l-implimentazzjoni ta' skema tal-ħalib għall-iskejjel fil-pajjiżi tagħhom. Rigward il-miżuri tal-apikultura, l-evalwazzjoni kkonkludiet li dawn ikkontribwew pożittivament għall-produttività u l-qligħ ta' dawk li jrabbu n-naħal, kif ukoll għall-istabbilizzazzjoni tal-livelli tal-produzzjoni tal-għasel fl-UE f'kuntest ta' spejjeż tal-produzzjoni li qed jogħlew, theddid għas-sopravivenza tan-naħal u kompetizzjoni internazzjonali qawwija minn pajjiżi terzi.

---

[23] http://ec.europa.eu/agriculture/evaluation/market-and-income-reports/school-milk-scheme-2013_en.htm

[24] http://ec.europa.eu/agriculture/evaluation/market-and-income-reports/apiculture-2013_en.htm

L-evalwazzjoni tal-effetti strutturali tal-għajnuna diretta[25] vvalutat kif il-bidliet introdotti mir-riforma tal-2003, li kienu jinvolvu d-diżakkopjar tal-għajnuna mill-produzzjoni, affettwaw tali aspetti bħax-xogħol, il-kapital u l-istrateġiji tan-negozju tal-azjendi Ewropej. L-evalwazzjoni wriet effetti indiretti bħalma huma ż-żidiet fid-daqs ekonomiku tal-azjendi u żieda fl-ispeċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, id-diżakkopjar qanqal bidla fl-enfasi lejn produzzjoni bi profittabilità ikbar. L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-riforma u b'mod partikolari d-diżakkopjar tal-għajnuna setgħu kkontribwew, flimkien ma' fatturi oħrajn, għal tnaqqis fl-intensità tax-xogħol.

Is-sinteżi tal-evalwazzjonjiet nazzjonali u reġjonali ta' nofs it-terminu[26] ppubblikata fl-2013 kejlet il-progress u l-impatt tal-**miżuri tal-iżvilupp rurali** (taħt it-**tieni pilastru tal-PAK**) fl-2007-2013. Din kienet ibbażata fuq l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri fl-2010 u kkonkludiet li l-adozzjoni tal-miżuri tal-iżvilupp rurali kienet iktar bil-mod milli kien mistenni, u l-implimentazzjoni bla xkiel ġiet irrapportata għal relattivament ftit miżuri. Il-miżuri b'inqas rekwiżiti tekniċi u bl-iktar kontinwità mill-perjodu preċedenti ġew implimentati l-iktar malajr. L-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali/tal-kwalità tal-ħajja tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ukoll ġie vvalutat imma kien diffiċli li jsir ġudizzju affidabbli rigward l-impatti ġenerali billi l-implimentazzjoni tal-programm għadha trid tkompli sal-aħħar tal-2015. F'termini ta' impatti ekonomiċi, bejn wieħed u ieħor żewġ terzi tar-rapporti identifikaw impatt pożittiv nett fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Xi rapporti kkonkludew li kien hemm impatti ambjentali pożittivi imma l-impatti tal-programmi tal-iżvilupp rurali fuq l-ambjent rari jiġu kkwantifikati. L-azzjonijiet tal-kwalità tal-ħajja ġew apprezzati ħafna fil-komunitajiet rurali imma kien diffiċli li jitkejlu.

Billi l-implimentazzjoni tal-programm tkompli sal-aħħar tal-2015, huwa biss meta titlesta s-sinteżi tal-evalwazzjonijiet ex-post nazzjonali u reġjonali dwar l-iżvilupp rurali għall-2007-2013 (fl-2017) li jkun possibbli li tingħata ħarsa ġenerali ċara lejn il-kontribut li jkunu taw il-miżuri tal-iżvilupp rurali. L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ħarġu kmieni wisq fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi biex setgħu isostnu valutazzjoni ġenerali affidabbli dwar l-impatti u l-prestazzjoni tal-PŻR. Madankollu dawn xorta jipprovdu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

F'dan l-istadju, id-dejta disponibbli dwar il-progress tal-programm tal-Iżvilupp Rurali ma tagħtix stampa sħiħa. Pereżempju, 83 miljun ruħ f'żoni rurali s'issa bbenefikaw minn servizzi mtejba appoġġjati mill-programm (94% tal-mira). 34,000 villaġġ iġġedditilhom l-għajnuna, biex inqabżet il-mira finali ta' 27,000 għal tmiem il-perjodu. Min-naħa l-oħra, għalkemm ir-rapporti jsemmu li nħolqu 45,000 impjieg taħt il-miżuri tal-iżvilupp rurali,

[25] http://ec.europa.eu/agriculture/evaluation/market-and-income-reports/structural-effects-direct-support-2013_en.htm

[26] http://ec.europa.eu/agriculture/evaluation/rural-development-reports/synthesis-mte-2007-2013_en.htm

dawn jirrappreżentaw 19% tal-mira finali; bl-istess mod, s'issa 36,000 mikroimpriża mis-77,000 li kien hemm ippjanati ngħataw l-għajnuna[27].

Fil-qasam **tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)** il-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd huwa l-għodda ewlenija li tiżgura bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u r-riżorsi. Iktar minn 4,000 bastiment ġew skrappjati b'finanzjament mill-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) bejn Jannar u Mejju 2013[28], u dan ikkontribwixxa għat-tnaqqis sinifikanti tal-flotta. Madankollu, evalwazzjoni retrospettiva tal-miżuri ta' ħatt u ta' waqfien temporanju taħt il-FES enfasizzat in-nuqqas ta' effettività u effiċjenza fil-programmi ta' demolizzjoni kurrenti f'li jibbilanċjaw il-flotot tas-sajd tal-UE u r-riżorsi[29]. Rigward l-iskemi ta' waqfien temporanju, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-finanzjament pubbliku iktar kien utli sabiex żgura l-aċċettabbiltà politika tal-iskemi milli biex attwalment naqqas l-ammont tas-sajd.

L-appoġġ tal-FES għall-akkwakultura u għall-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huwa sinifikanti ħafna. Bejniethom huma jirrappreżentaw kważi terz tal-impenji tal-FES. Iż-żewġ setturi qed jagħmlu profitt, għalkemm f'termini ta' volum il-produzzjoni tal-akkwakultura tal-UE mhix qiegħda tiżdied. Fir-rigward tal-ipproċessar, kemm il-volum kif ukoll il-valur tal-produzzjoni qegħdin jiżdiedu.

L-impjiegi fl-akkwakultura huma stabbli fejn jidħlu impjiegi ekwivalenti għal full time. Impjiegi part time qegħdin jiġu sostitwiti b'impjiegi full time aktar permanenti. Dan jispjega għala l-kontribut tal-FES b'risq il-ħolqien tal-impjiegi jidher limitat, minkejja li dawn huma żviluppi importanti għall-impjegati kkonċernati. Barra minn hekk, l-akkwakultura tal-UE qiegħda tagħmel użu dejjem aktar intensiv tal-kapital u l-appoġġ pubbliku taħt il-FES qiegħed jakkumpanja dan il-proċess. Fir-rigward tal-ipproċessar, l-impatt tal-FES fuq l-impjiegi huwa modest - ġew maħluqa iktar minn 3,400 impjieg bejn l-2007 u l-2010[30].

L-appoġġ finanzjarju tal-FES lil komunitajiet dipendenti fuq is-sajd jiġi implimentat mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs). Ġie stmat minn studju riċenti li dawn ħolqu mill-inqas 7,300 impjieg tul il-perjodu 2010-2013 waqt li 12,500 impjieg ieħor ġew preżervati. Inħolqu iktar minn 200 kumpanija ġdida.

***Eżempju: Proġetti FLAG jixprunaw ekonomikament in-negozji tas-sajd tradizzjonali tar-reġjuni***

*Il-"Fisch vom Kutter" huwa proġett innovattiv fuq skala żgħira li jkopri 21 kumpanija tas-sajd mir-Reġjun Attiv tal-Kosta tal-Baħar Baltiku. Bl-għajnuna tal-FES huma stabbilixxew sistema ta' bejgħ dirett għall-ħut mir-reġjun. Bl-użu ta' sit elettroniku dinamiku s-sajjieda fuq il-baħar jibagħtu fuq il-websajt permezz ta' SMS*

[27] Dejta kumulata tal-monitoraġġ 2007-2012 mir-Rapporti ta' Progress Annwali 2012 dwar l-iżvilupp rurali.

[28] Informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fuq talba tal-Kummissjoni b'konformità mal-artikolu 40 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007 tas-26 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd.

[29] http://ec.europa.eu/fisheries/documentation/studies/cessation/index_en.htm

[30] http://ec.europa.eu/fisheries/documentation/studies/eff_evaluation/eff_evaluation_synthesis_en.pdf

*dettalji tal-qabda tagħhom u l-ħin meta jikkalkulaw li jinżlu l-art. Dan jippermetti lill-klijenti li jaraw fejn, meta u liema ħut frisk jistgħu jixtru direttament mid-dgħajsa hekk kif din tidħol fil-port. Is-sajjieda involuti josservaw prezzijiet ogħla għall-ħut tagħhom. Uħud mill-kumpaniji tas-sajd ħolqu wkoll attivitajiet addizzjonali billi espandew il-firxa tal-prodotti tagħhom (eż. jaffumikaw jew isajru parti mill-qabda) u jirrapportaw minn 30 sa 50% iktar klijenti.*

Evalwazzjonijiet ex-post tal-**istrument LIFE** fil-livell tal-proġetti wrew li l-programm LIFE Natura instab li kien tassew rilevanti fl-appoġġ li ta lill-politika tal-UE dwar il-konservazzjoni tan-natura, b'mod partikulari l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats u n-netwerk Natura 2000. L-azzjonijiet ta' proġetti tan-natura huma ġeneralment effettivi u l-impatt u s-sostenibbiltà tagħhom għoljin. Grazzi għall-proġetti ta' LIFE Natura, il-popolazzjoni tal-iktar speċi felina fid-dinja li tinsab fil-periklu, il-linċi Iberika, żdiedet bi tliet darbiet fi Spanja u twittiet it-triq għar-riintroduzzjoni tagħha fil-Portugall. Barra minn hekk, 13,000 ettaru ta' art ġew assikurati għall-konservazzjoni tan-natura.

Taħt it-taqsima ambjentali ta' LIFE, proġetti bħal 'Icarre 95' urew il-potenzjal ta' metodi ta' produzzjoni veri minn nieqa għal nieqa li bihom se jiġi implimentat fil-futur l-użu effiċjenti ta' materjali riċiklabbli fil-produzzjoni industrijali. Proġetti oħrajn, bħal pereżempju 'Mis-Saqaf għat-Triq', għenu sabiex jiġi żviluppat negozju effiċjenti fir-riżorsi, f'dan il-każ: l-użu tal-qatran minn soqfa qodma sabiex jingħataw l-uċuħ tat-toroq. Rigward it-taqsima tal-informazzjoni tal-programm, l-evalwazzjoni finali ta' LIFE+ ikkonfermat li l-programm kellu wkoll rwol sinifikanti fit-tkabbir tal-għarfien, il-governanza tajba u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fi kwistjonijiet ambjentali tal-UE.

*Aspetti operazzjonali tal-prestazzjoni*

Fl-oqsma tal-preżervazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħarġet għadd ta' rapporti speċjali marbutin ma' kwistjonijiet dwar it-tifsil u l-implimentazzjoni tal-programmi.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fejn jidħlu pagamenti diretti akkoppjati ttieħdu inkonsiderazzjoni fil-programmi 2014-2020. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali tal-PAK dwar il-pagamenti li l-għajnuna tkun diżakkopjata mil-livelli tal-produzzjoni tar-razzett, l-Istati Membri sa ċertu limitu u taħt ċerti kundizzjonijiet xorta jistgħu jipprovdu pagamenti akkoppjati. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (SR 10/2013) ikkritikat il-fatt li l-Istati Membri ngħataw wisq diskrezzjoni meta introduċew il-pagamenti diretti akkoppjati. L-Istati Membri ma pprovdewx evidenza suffiċjenti sabiex juru n-neċessità u r-rilevanza tal-miżuri introdotti u l-qafas ta' monitoraġġ (għanijiet u indikaturi) ma kienx suffiċjenti sabiex titwettaq valutazzjoni xierqa ta' dawn il-miżuri fil-futur. Għall-perjodu 2014-2020 il-Kummissjoni qed tipprevedi li jiġi stabbilit qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għaż-żewġ pilastri tal-PAK bil-għan li titkejjel aħjar il-prestazzjoni tal-politika.

Fit-tfassil tal-proposti tagħha dwar il-politika tal-iżvilupp rurali fil-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni ħadet inkonsiderazzjoni l-kritika tal-Qorti marbuta mal-prestazzjoni ta'

miżuri tal-iżvilupp rurali kofinanzjati mill-UE taħt it-tieni pilastru tal-PAK.[31] Kritika rikorrenti kienet li l-għażla tal-proġetti mill-Istati Membri spiss kienet qiegħda tiffoka aktar fuq in-nefqa tal-baġit allokat milli fuq il-kwalità tal-proġetti sabiex jinkisbu r-riżultati. Il-Qorti sabet ukoll li l-għanijiet tan-nefqa tal-iżvilupp rurali ma kinux ċari biżżejjed u li la kien hemm informazzjoni suffiċjenti u lanqas rappurtar dwar ir-riżultati miksuba sabiex jintwera kemm li l-għanijiet stabbiliti ntlaħqu u li l-baġit tal-UE ntefaq b'mod effettiv u effiċjenti. Il-Qorti rrimarkat ukoll li l-informazzjoni disponibbli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ma kinitx intużat biżżejjed biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa tal-iżvilupp rurali. B'mod partikolari, dwar l-għajnuna tal-iżvilupp rurali għat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti, il-Qorti sabet dgħufijiet fit-tfassil tal-miżura u kkonkludiet li ftit biss mill-proġetti awditjati tejbu b'mod sinifikanti l-valur ekonomiku tal-foresti.

Il-Kummissjoni qieset ukoll in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti hi u tfassal il-komponent ambjent tal-programm LIFE il-ġdid[32]. Il-Qorti sabet li t-taqsima tal-ambjent tal-programm LIFE+ ma kinitx imfassla u implimentata tajjeb biżżejjed. Il-problemi ewlenin kienu marbutin mal-kwalità tal-proċess tal-għażla tal-proġetti u man-nuqqas ta' indikaturi xierqa. Bħala tweġiba, il-programm LIFE il-ġdid jimmira li jkun strutturat aħjar, ikun aktar strateġiku, issimplifikat u aktar flessibbli. Se jagħżel proġetti li juru l-aħjar prattiċi u approċċi innovattivi jew dimostrattivi għal żieda fil-valur fil-livell Ewropew. Bil-għan li tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar ir-riżultati u l-impatti tal-programm fil-futur, ġie inkluż sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni fir-Regolament LIFE il-ġdid, li huwa komplut fil-programm ta' ħidma pluriennali LIFE għall-2014-2017 permezz ta' indikaturi tar-riżultati għal kull qasam prijoritarju, u, fejn japplika, skont il-prijorità tematika.

### 2.1.4. LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (intestatura baġitarja 3A)

*L-għanijiet tal-programm u l-Ewropa 2020*

Din l-intestatura baġitarja tammonta għal 0.8% tat-total tal-qafas pluriennali 2007-2013. Fl-2013 l-għajnuna finanzjarja għal dan il-qasam ta' politika kien ta' EUR 1.45 biljun f'impenji.

L-intestatura tkopri l-programmi finanzjarji li jappoġġjaw id-dimensjonijiet differenti tal-politika tal-Kummissjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri, il-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, u l-politika fil-qasam tal-ġustizzja.

**Fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri**, il-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (SOLID) alloka kważi EUR 4 biljun għall-perjodu 2007-2013 sabiex jiżgura li l-pajjiżi tal-UE jaqsmu bejniethom b'mod ġust ir-responsabbiltajiet tal-piż finanzjarju li jiġi mill-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' politiki komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni.

Taħt dan il-programm ġenerali, il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (FEI) huwa l-istrument l-iktar marbut direttament mal-mira ewlenija ta' Ewropa 2020

---

[31] SR1/2013; SR6/2013; SR8/2013; SR12/2013
[32] SR 15/2013

li tiżdied ir-rata tax-xogħol fost in-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena għal 75%, inkluż permezz tal-integrazzjoni aħjar ta' migranti legali. Meta jappoġġja attivitajiet bħalma huma korsijiet fil-lingwa u fl-orjentament ċiviku, bini tal-kapaċitajiet u skambji bejn l-Istati Membri, l-FEI jimmira li jnaqqas gradwalment il-qabża f'termini ta' rati tax-xogħol bejn iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tal-UE. Dan jikkomplimenta l-Fond Soċjali Ewropew.

Il-Programm Qafas "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" jippromwovi **kooperazzjoni transkonfinali** Ewropea effettiva **fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu** u prevenzjoni mtejba tal-kriminalità. Il-Programm ta' Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità (ISEC), b'baġit ta' EUR 600 miljun għall-perjodu 2007-2013, immira li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-kriminalità (terroriżmu, traffikar uman, abbuż tat-tfal, ċiberkriminalità, traffikar illeċitu ta' droga u armi, korruzzjoni u frodi).

**Fil-qasam tal-ġustizzja**, sitt programmi marbutin mal-ġustizzja ċivili, il-ġustizzja kriminali, id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa (Daphne), l-antidiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi (Progress), u l-politika dwar il-kontroll tad-droga kienu mmirati li jikkontribwixxu fost l-oħrajn għall-mira ewlenija ta' Ewropa 2020 li tiżdied ir-rata tal-impjiegi tan-nies fl-età attiva tagħhom għal 75%. Eżempji jinkludu l-finanzjament ta' azzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw l-inugwaljanza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa u li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, kif ukoll il-finanzjament fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tar-Roma.

*Il-prestazzjoni tal-programm*

Fl-2013 il-programmi kollha taħt din l-intestatura baġitarja ġew implimentati kif kien previst, b'rati ta' konsum tal-baġit ta' kważi 100% irrapportati.

**Fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri**, il-Fond Ewropew għar-Ritorn (fi ħdan il-programm SOLID) għen persuni fuq ritorn jerġgħu lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom min jeddhom. L-għadd ta' ritorni volontarji żdied. Fl-2012 kien hemm 41.1% f'ritorni volontarji (min-numru totali ta' ritorni) meta mqabbla mat-38.4% tal-2011. L-appoġġ finanzjarju tal-programm ikkontribwixxa għal din iż-żieda billi f'xi pajjiżi l-programm rawwem l-introduzzjoni ta' skemi ta' ritorn volontarju li qabel ma kinux jeżistu.

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ERF, ukoll taħt il-programm SOLID) jappoġġja lill-Istati Membri sabiex jilqgħu lil dawk li jfittxu l-ażil u lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u jgħinhom jiffaċċjaw il-konsegwenzi ta' meta jilqgħuhom. Dejta riċenti turi li żdied l-użu tal-finanzjament tal-UE mill-Istati Membri li qegħdin ifittxu li jtejbu l-kapaċitajiet ta' akkoljenza u li jintegraw b'suċċess il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorji tagħhom. Barra minn hekk, l-ERF jintuża wkoll sabiex jappoġġja l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex jirrisistemaw ir-refuġjati: fl-2013 l-Istati Membri ntrabtu li jirrisistemaw aktar minn 3,900 persuna taħt l-ERF imqabbla ma' qrib it-3,000 fl-2012.

Il-potenzjal tal-programm SOLID li juri riżultati ġie llimitat bit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dan tikkonfermah l-aktar dejta riċenti disponibbli li turi li d-differenza fir-rati tax-xogħol bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tal-UE baqgħet stabbli mhux ħażin

fl-aħħar ħames snin u li r-rata tal-impjiegi fost ċittadini barranin b'ċittadinanza tal-UE għadha ogħla b'mod sinifikanti (65.1 %) minn ta' dawk li mhumiex ċittadini tal-UE (53.9 %)[33].

**Fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu**, il-finanzjament tal-UE kien strumentali sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u korpi oħrajn. Pereżempju, ġie pprovdut finanzjament regolari għall-attivitajiet tan-netwerk globali tal-esperti tal-irkupru tal-assi, inklużi esperti mill-Istati Uniti (in-Netwerk ta' prattikanti CARIN). Il-ġestjoni tal-assi kkonfiskati u l-użu mill-ġdid ta' assi li kienu kriminali għal skopijiet soċjali huma fost il-proġetti innovattivi appoġġjati mill-Kummissjoni.

*Eżempju ta' finanzjament fil-qasam tal-Affarijiet Interni: appoġġ mill-ERF lil Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' wasla għal għarrieda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali.*

*Tul l-aħħar tas-sajf u l-ħarifa tal-2013, il-Bulgarija ffaċċjat influss bla preċedent ta' migranti u nies li qed ifittxu l-ażil, li impona domanda eċċezzjonalment kbira u urġenti fuq is-sistema tal-ażil tagħha. Is-sistema tal-ażil Bulgara, imfassla b'kapaċità ta' akkoljenza ta' madwar 1,250 persuna kull sena, ma setgħetx tlaħħaq ma' iktar minn 7,000 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Għalhekk l-awtoritajiet Bulgari talbu l-għajnuna tal-UE fil-forma ta' Miżuri ta' Emerġenza tal-ERF. B'dan il-finanzjament, matul is-6 xhur previsti għad-durata tal-assistenza ta' emerġenza taħt l-ERF, il-Bulgarija żiedet u tejbet b'mod sinifikanti l-kapaċità tas-sistema tal-ażil tagħha sabiex tipprovdi livelli adegwati ta' akkomodazzjoni lil dawk li qed ifittxu l-ażil u tkabbar il-kapaċità li tipproċessa talbiet għal protezzjoni internazzjonali. Il-Bulgarija rċeviet ukoll appoġġ mill-Fond għar-Ritorn u l-Fond għall-Fruntieri Esterni f'dak il-kuntest.*

Fil-**qasam tal-ġustizzja**, l-attivitajiet appoġġjati permezz tal-programmi ta' nfiq isegwu mill-qrib il-politika dwar il-ġustizzja tal-UE li qed tevolvi, bil-għan li jibnu żona Ewropea tal-ġustizzja għall-benefiċċju ta' kulħadd. Iktar u iktar professjonisti legali fl-UE qed jirċievu taħriġ fil-liġi tal-UE jew fil-liġi ta' Stat Membru ieħor. In-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju għandu rwol essenzjali fit-taħriġ tal-imħallfin. Sabiex tgħin fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol, iżżid l-aċċess għall-ġustizzja, u tipproteġi d-drittijiet tat-tfal, tar-Roma, tal-vittmi tal-vjolenza u tal-vittmi tal-kriminalità u tagħtihom appoġġ, fl-2013 il-Kummissjoni ssoktat tappoġġja proġetti tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. F'dan ir-rigward, netwerks transnazzjonali bħalma huma n-Netwerk Ewropew għall-Korpi dwar l-Ugwaljanza-EQUINET, il-Lobby tan-Nisa Ewropej, il-Missing Children Europe, il-Victim Support Europe, in-Notaries of Europe u l-European Digital Rights irċevew għotjiet operattivi. Bħalissa qiegħda tinġabar l-evidenza tal-evalwazzjoni dwar il-kisbiet tal-miżuri ffinanzjati fil-qasam tal-ġustizzja u huwa ppjanat li tkun disponibbli fl-aħħar tal-2014.

***Eżempju ta' finanzjament fil-qasam tal-Ġustizzja: L-ECRIS (Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali) - appoġġ mill-UE li jiffaċilita l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali bejn l-Istati Membri***

*L-ECRIS ġie stabbilit f'April 2012 bl-għajnuna tal-Programm tal-Ġustizzja Kriminali. Is-sistema tagħti lill-imħallfin u lill-prosekuturi aċċess faċli għal informazzjoni komprensiva dwar l-istorja tar-reati ta' kwalunkwe ċittadin tal-UE, irrispettivament minn liema pajjiżi tal-UE dik il-persuna tkun ġiet ikkundannata fil-passat. Bit-tneħħija tal-possibbiltà li persuni li wettqu reati jaħarbu mill-passat kriminali tagħhom sempliċiment billi jiċċaqilqu minn pajjiż tal-UE għal ieħor, is-sistema tista' sservi wkoll biex tipprevjeni l-kriminalità. Pereżempju, fl-2013, hija u tirrapporta fuq ir-riżultati tal-proġett tagħha, il-Pulizija Nazzjonali tal-Irlanda*

[33] Bażi tad-dejta tal-Eurostat, Marzu 2014

*kkonfermat li l-ECRIS għenet sabiex timmassimizza l-eżattezza u l-integrità tad-dejta tar-reġistri kriminali tagħha b'mod li ppermettiet ukoll lill-pajjiż jipprovdi informazzjoni aħjar lil Stati Membri oħrajn.*

M'hemmx aspetti operazzjonali speċifiċi marbuta mar-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni jew il-prestazzjoni tal-programmi mill-2013 dwar xiex wieħed jirrapporta.

2.1.5. ĊITTADINANZA (intestatura baġitarja 3B)

*L-għanijiet tal-programm u l-Ewropa 2020*

In-nefqa taħt l-intestatura "Ċittadinanza" tikkontribwixxi għall-prijorità tat-tkabbir intelliġenti ta' Ewropa 2020. Bil-kontribut għall-inizjattiva ewlenija 'Żgħażagħ Attivi', **il-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni** (YiA; nefqa fl-2013 ta' EUR 148 miljun) jimmira li jagħti liż-żgħażagħ iktar opportunitajiet permezz ta' esperjenzi ta' tagħlim mhux formali b'dimensjoni Ewropea.

Huwa pprovdut ukoll finanzjament għall-**protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa**. b'risq l-iżvilupp ta' sens ta' identità Ewropea. Fil-qasam tal-konsumatur, fl-2013, il-Kummissjoni appoġġjat organizzazzjonijiet tal-konsumatur fil-livell tal-UE sabiex l-interessi tal-konsumaturi jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-livell tal-UE.

Il-**Programm Kulturali** kien responsabbli għall-infiq ta' EUR 61 miljun fl-2013 u pprovda kofinanzjament għal attivitajiet kulturali fil-livell Ewropew, inklużi proġetti ta' kooperazzjoni kulturali transnazzjonali, traduzzjonijiet letterarji u appoġġ lill-korpi kulturali ta' interess Ewropew.

Il-**Programm MEDIA 2007 u l-Programm MEDIA Mundus** (nefqa 2013 EUR 116.5 miljun) għenu fit-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur awdjoviżwali Ewropew billi ffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, ippromwovew l-użu ta' teknoloġiji diġitali u tejbu l-kooperazzjoni globali bejn professjonisti tal-UE u oħrajn mhux Ewropej.

Il-**programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini** għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini Ewropej, li jtejjeb it-tolleranza u l-fehim reċiproku bejniethom, u li jressaq l-Ewropa lejn iċ-ċittadini tagħha billi jippromwovi l-valuri u l-kisbiet ta' Ewropa 2020, waqt li jippreżerva l-memorja tal-imgħoddi tagħha.

*Il-prestazzjoni tal-programm*

Bil-kontribut tiegħu għall-inizjattiva ewlenija "Żgħażagħ Attivi", fl-2013, il-**YiA** ikkonferma kemm hu attraenti għall-popolazzjoni mmirata tiegħu billi għen saħansitra għadd ikbar ta' żgħażagħ u dawk li jaħdmu fosthom bi kważi miljun parteċipant mill-2007 'l hawn. Ikkontribwixxa għall-għarfien effettiv tat-tagħlim nonformali b'265,000 "Youthpass" – iċ-ċertifikat tal-opportunitajiet ta' tagħlim tal-YiA – li ilhom jingħataw mill-2007. Skont l-istħarriġ tal-2013 dwar l-impatt tal-Youthpass, madwar 80% tal-parteċipanti taż-Żgħażagħ fl-Azzjoni qablu li l-Youthpass żied l-utilità tal-proġetti ffinanzjati billi ċċertifika l-eżiti ta' tagħlim nonformali tagħhom. Skont l-aktar dejta riċenti disponibbli minn stħarriġ ta' monitoraġġ, 67% tal-parteċipanti jemmnu li ċ-ċansijiet tagħhom li jsibu impjieg żdiedu grazzi għall-esperjenza tagħhom mal-YiA.

Evalwazzjoni tal-kontribut finanzjarju tal-UE matul l-2007-2011 taħt il-**Programm tal-Konsumatur** lil żewġ organizzazzjonijiet fil-livell tal-UE - "L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentazzjoni tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni" (ANEC) u "L-Organizzazzjoni tal-Konsumaturi Ewropej" (BEUC) - sabet li dawn l-organizzazzjonijiet kienu taw kontribut sinifikanti fir-rappreżentazzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u żguraw l-intervent koerenti tal-organizzazzjoni tal-konsumatur fil-livell tal-UE kif ukoll djalogu aħjar bejn il-partijiet involuti differenti.

L-appoġġ finanzjarju tal-UE kien ipprovdut ukoll taħt il-programm tal-konsumatur għat-twettiq ta' azzjonijiet konġunti ta' sorveljanza tas-suq bejn l-Istati Membri li ffoka fuq l-ittestjar ta' prodotti, il-valutazzjoni tar-riskji, il-monitoraġġ tas-suq, u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar prattiċi. Fl-2013, 19-il pajjiż tal-UE ffinalizzaw tali proġetti konġunti ta' infurzar fuq numru ta' oqsma bħal pereżempju fuq il-kostumi tat-tfal u fuq prodotti ta' imitazzjoni tal-ikel.

Rigward is-saħħa pubblika, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-2011 dwar il-**Programm tas-Saħħa**[34] tissuġġerixxi li l-maġġoranza tal-azzjonijiet iffinanzjati kellhom effetti madwar l-UE kollha. L-evidenza miġbura turi li l-valur miżjud tal-programm tal-UE jidher l-iktar f'oqsma bħall-iskambju tal-għarfien u n-netwerking bejn professjonisti tas-saħħa f'pajjiżi differenti tal-UE, fosthom FI, IT, LT, NL u DE, dwar kwistjonijiet bħall-informazzjoni u indikaturi dwar is-saħħa, il-promozzjoni tas-saħħa (pereżempju marbuta mal-HIV/AIDS u s-sigurtà tad-demm, tat-tessuti, taċ-ċelloli u tal-organi) u s-sigurtà tas-saħħa (pereżempju n-Netwerk Ewropew għall-Valutazzjoni tar-Riskji tas-Saħħa dwar l-Espożizzjoni għall-Kampi Elettromanjetiċi). L-evalwazzjoni ppermettiet ukoll il-validazzjoni ta' seba' kriterji ta' valur miżjud tal-UE li ntużaw b'mod estensiv sabiex jipprijoritizzaw l-oqsma tal-azzjonijiet tal-programm il-ġdid 2014-2020. Bħala konsegwenza, il-programm il-ġdid huwa aktar iffokat fuq il-konnessjoni bejn is-saħħa u l-għanijiet ta' Ewropa 2020. Fil-bidu tal-2014 tnediet evalwazzjoni finali tal-programm 2008-2013 u r-riżultati tagħha se jkunu disponibbli fl-2015.

Il-**Programm Kulturali** kien implimentat skont il-pjan, u kien jinkludi azzjonijiet maġġuri relatati ta' disseminazzjoni u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi b'enfasi fuq l-Awstralja u l-Kanada. Bħala riżultat tal-finanzjament, kien stmat li ftit eluf ta' artisti/ħaddiema kulturali kienu mobbli, eluf ta' xogħlijiet kulturali kienu ġew iċċirkolati u xi 1,900 organizzazzjoni kienu involvew ruħhom fl-2012, jew bħala koordinaturi jew bħala koorganizzaturi b'enfasi qawwi fuq id-djalogu interkulturali.

L-attivitajiet tal-**programmi MEDIA u MEDIA Mundus** kienu implimentati skont il-programmi ta' ħidma tagħhom fl-2013. Kull Euro investit mill-programm MEDIA 2007 iġġenera sitt Euro minn sorsi privati ta' finanzjament, bil-qofol jintlaħaq b'multiplikatur ta' 14 fil-finanzjament ta' netwerk taċ-ċinema. Il-Fond ta' Garanzija tal-Produzzjoni MEDIA qiegħed jopera f'disa' pajjiżi. Tkompla l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni ta' operaturi mmirati taċ-ċinema indipendenti li juru maġġoranza ta' films Ewropej b'200 skrin (+44) jiġu appoġġjati fis-sena 2013. Kif ġie kkonfermat fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-

[34] http://ec.europa.eu/health/programme/docs/mthp_final_report_oct2011_en.pdf

Programm MEDIA 2007 irnexxielu jikseb l-għan ewlieni tiegħu li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-films Ewropej u jikkontribwixxi sostanzjalment għall-promozzjoni tad-diversità kulturali fl-Ewropa. Il-films appoġġjati minn MEDIA għandhom rata ta' suċċess ogħla mill-medja f'festivals tal-ogħla livell. Fl-2013, waqt li żewġ films sostnuti minn MEDIA rebħu Oscars għall-2013, mit-13-il film sostnuti minn MEDIA waqt il-Festival Internazzjonali tal-Films f'Cannes tliet films kienu fost ir-rebbieħa.

Studju[35] li jkejjel l-impatt tal-programm **L-Ewropa għaċ-Ċittadini** tlesta f'Mejju 2013. B'mod ġenerali r-rispondenti kienu pożittivi ħafna dwar l-effetti tal-parteċipazzjoni tagħhom fuq is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien ġenerali tagħhom dwar il-ħajja tan-nies f'pajjiżi oħrajn Ewropej. 89.1% iħossuhom aktar konxji tal-kultura, l-identità u l-patrimonju Ewropew, 88.2% iħossuhom aktar solidali ma' Ewropej oħrajn, u 77.5% iħossuhom aktar Ewropej. Imqabblin mal-istudju preċedenti tal-2009, ir-riżultati kienu aktar pożittivi fl-2013, u juru li żdiedet l-effettività tal-programm.

M'hemmx aspetti operazzjonali speċifiċi marbuta mar-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni jew il-prestazzjoni tal-programmi mill-2013 dwar xiex wieħed jirrapporta.

## 2.2. Il-Politiki Esterni tal-Unjoni (Intestatura Baġitarja 4)

*L-objettivi tal-programm u l-għanijiet strateġiċi tal-politika ta' għajnuna esterna*

L-instabilità globali fl-2013, kif imkejla min-numru ta' kunflitti (li jinkludu tilwim, kriżijiet nonvjolenti, kriżijiet vjolenti, gwerer limitati, u gwerer), żdiedet meta mqabbla mal-2012, minn 405 kunflitti madwar id-dinja għal 414[36], li jinkludu 20 gwerra u 25 gwerra limitata. Numru ta' fatturi kkontribwew għal din iż-żieda, bħall-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt, it-tkasbir mifrux tal-liġijiet internazzjonali umanitarji u tar-refuġjati, pressjoni kontinwa demografika u l-urbanizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-kompetizzjoni għar-riżorsi, il-prezzijiet għoljin u volatili tal-ikel u l-enerġija, it-theddid għas-sigurtà u l-governanza ħażina.

Il-kisbiet tal-2013 tal-programmi ta' nfiq li jappoġġjaw id-dimensjonijiet differenti tal-politiki esterni tal-Unjoni jridu jinftehmu f'dan l-isfond.

Xi programmi finanzjarji **(L-Għajnuna Umanitarja u l-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili[37])** jipprovdu għajnuna fil-pront u solliev immedjatament wara xi diżastru u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

[35] http://ec.europa.eu/citizenship/pdf/final_report_efc_may_2013_eurevalppmi.pdf

[36] Conflict Barometer ippubblikat kull sena mill-Heidelberg Institute for International Conflict Research; http://hiik.de/en/index.html

[37] Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jkopri interventi fi Stati Membri u f'pajjiżi mhux tal-UE. Il-baġit għall-parti tal-politika interna tal-UE hija koperta bl-intestatura baġitarja 3. Għal raġunijiet ta' koerenza l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fuq l-istrument ma ġietx maqsuma bejn l-intestatura 3 u 4, imma ġiet ippreżentata b'mod integrat hawnhekk.

Oħrajn jiffokaw fuq perjodu itwal ta' żmien u jappoġġjaw il-**politika ta' żvilupp** tal-Kummissjoni **u l-politika barranija u ta' sigurtà tal-Unjoni**.

Fl-'Aġenda għall-Bidla' tal-2011 fil-Politika ta' Żvilupp tal-UE, l-UE ħabbret li se tiffoka iktar strumenti ta' finanzjament (EUR 8.3 biljuni kkuntrattati fl-2013) fuq l-għan primarju tal-politika ta' żvilupp tal-UE: li teqred il-faqar fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, inkluż il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs). L-UE adottat ukoll approċċ imġedded lejn l-għoti ta' appoġġ baġitarju lil pajjiżi msieħba fl-2011 sabiex iżżid l-effettività ta' din il-modalità ta' għajnuna.

Fl-2013, l-appoġġ għall-politika tal-iżvilupp tal-UE kien jitwassal prinċipalment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għal pajjiżi fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku (45% tal-pagamenti) u l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI; 27% tal-pagamenti). L-appoġġ għall-politika dwar il-Viċinat Ewropew kien ipprovdut permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENPI; 23% tal-pagamenti).

Fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni l-istrumenti ewlenin huma l-operazzjonijiet tal-Politika Estera Komuni u ta' Sigurtà u l-Istrument ta' Stabbiltà.

Strument ieħor ta' għajnuna esterna (**Strument ta' qabel l-Adeżjoni**) jappoġġja l-proċess ta' adeżjoni ta' pajjiżi kandidati u ta' kandidati potenzjali. L-appoġġ għall-politika ta' tkabbir tal-UE permezz tal-Istrument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-2013 ammonta għal madwar EUR 1.95 biljun. Bħalissa l-aġenda tat-tkabbir tkopri l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, billi l-Iżlanda ddeċidiet li għalissa twaqqaf in-negozjati dwar l-adeżjoni mal-UE. Il-Kroazja saret Membru tal-UE fl-2013.

*Il-prestazzjoni tal-programm*

Kollox ma' kollox, l-istrumenti ta' finanzjament għall-**għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili** ġew implimentati skont il-pjan għalkemm il-pagamenti ma setgħux jissodisfaw b'mod sħiħ il-ħtiġijiet identifikati. Ittieħdu miżuri ad-hoc li ppermettew it-tkomplija tal-operazzjonijiet fil-post.

Fl-2013 l-għajnuna umanitarja laħqet proporzjonijiet ġodda u l-assistenza umanitarja tal-UE qabżet l-ammont ta' EUR 1.3 biljun u laħqet 124 miljun benefiċjarju; b'hekk qabżet bi 15% l-107 miljuni li kien hemm immirati. 16% tal-baġit tal-għajnuna umanitarja (6% iktar mill-mira ta' 10%) imur għal kriżijiet minsija li ma jisirqux l-attenzjoni tal-komunità tad-donaturi internazzjonali. Pereżempju, sa ftit ilu, l-assistenza lir-Repubblika Ċentru-Afrikana kienet taqa' f'din il-kategorija.

Fl-2013 ġew konklużi numru ta' evalwazzjonijiet, inkluża evalwazzjoni tal-għoti ta' protezzjoni lill-vittmi ta' diżastri, li kkonkludiet li l-interventi umanitarji tal-UE jindirizzaw b'mod koerenti l-ħtiġijiet ta' kenn u jipprovdu appoġġ operazzjonali dirett u effettiv. L-evalwazzjoni rrakkomandat it-titjib tal-approċċ ta' sħubija li jinvolvi kooperazzjoni mal-NGOs li qed jimplimentaw azzjonijiet umanitarji, li permezz tagħha r-responsabilitajiet ta' prijoritizzazzjoni, ta' teħid tad-deċiżjonijiet u ta' koordinazzjoni tar-responsabbiltajiet jinqasmu b'mod trasparenti mal-partijiet kollha kkonċernati. Barra minn hekk, għandu jkun hemm rabta aktar qawwija ma' soluzzjonijiet fit-tul u strateġiji tal-ħruġ.

**B'appoġġ għall-politika tal-UE għall-iżvilupp** ġew implimentati programmi finanzjarji skont il-pjan, bl-eċċezzjoni tal-ENI fejn numru ta' għanijiet speċifiċi relatati mal-progress

immirat fil-governanza tajba, fit-twessigħ tal-kooperazzjoni mal-UE, u fil-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt waqgħu lura għar-reġjun tal-Viċinat tan-Nofsinhar[38]. Dan kien dovut l-iktar għall-kriżi f'dan ir-reġjun.

Għalkemm mhuwiex faċli li tattribwixxi direttament lill-istrumenti tal-UE l-progress li sar dwar l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju, il-kontribut tal-finanzjament tal-UE għall-iżvilupp b'risq l-għanijiet ewlenin tal-millennju fil-perjodu 2007-2012 (l-aħħar aġġornament) jista' jiġi illustrat kif ġej:

| |
|---|
| ***MDG1 "L-eliminazzjoni tal-faqar estrem u tal-ġuħ"*** *- fejn il-mira li fil-perjodu 1990-2015 jitnaqqas bin-nofs il-proporzjon tan-nies li jgħixu b'inqas minn 1.25 dollaru kuljum intlaħqet fir-reġjuni kollha ħlief fl-Afrika tas-Sub-Saħara. Bħala appoġġ għal MDG 1, fil-perjodu 2007-2012 l-istrumenti ta' żvilupp assistew 46.5 miljun ruħ permezz ta' trasferimenti soċjali - flus kontanti jew benefiċċji oħrajn in natura, ipprovduti fuq bażi regolari lill-ifqar u lill-aktar vulnerabbli - għas-sigurtà tal-ikel. Fl-2012 biss, EUR 1.6 biljun ġew magħmula disponibbli sabiex tinbena r-reżiljenza u jittejjeb l-iżvilupp agrikolu sostenibbli. Dan l-appoġġ kien immirat biex jiġġieled in-nuqqas ta' nutriment, iżid il-faċilità alimentari u jtejjeb l-aċċess għal nies li jinsabu fir-riskju tal-ġuħ.*<br><br>*Bħala appoġġ għal* ***MDG 2 "Il-possibbiltà ta' edukazzjoni primarja għal kulħadd"*** *- fejn sar progress importanti lejn l-għan sabiex ikun żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jtemmu l-iskola primarja, l-istrumenti tal-iżvilupp appoġġjaw id-dħul ta' 13.7 miljun tifel u tifla fl-edukazzjoni primarja; ħarrġu 1.2 miljun għalliem/a u bnew jew irrinovaw 37,000 skola.*<br><br>*Bħala appoġġ għal* ***MDG 4 "Titnaqqas il-mortalità fost it-tfal"*** *- ġie nnotat progress importanti fit-tnaqqis tar-rata tal-mortalità fost it-tfal taħt il-5 snin, bl-istrumenti tal-iżvilupp jiżguraw li 18.3 miljun tifel u tifla ta' inqas minn sena jiġu mlaqqmin kontra l-ħożba u li iktar minn 8,500 ċentru u faċilità tas-saħħa jiġu mibnija, rinovati jew imgħammrin.* |

Għalissa għadu mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat b'mod sħiħ l-impatt tal-bidliet fil-politika li saru fl-2011 kif tħabbru fl-Aġenda għall-Bidla. Imma, fl-2013 xi riżultati ta' evalwazzjonijiet saru disponibbli u kkonfermaw bosta aspetti tal-fokus il-ġdid[39]. L-evalwazzjonijiet dwar il-finanzjament għall-iżvilupp tas-settur privat u l-assistenza relatata man-negozju wrew li filwaqt li l-appoġġ għen ħafna pajjiżi terzi jagħmlu progress u japprofondixxu l-integrazzjoni tagħhom fid-dinja, dan kien dovut għal varjetà ta' fatturi esterni marbutin mal-preferenzi politiċi u l-prijoritajiet tal-gvernijiet fil-pajjiżi kkonċernati. L-akbar progress deher fil-pajjiżi fejn is-settur privat u dak pubbliku kienu orjentati bis-sħiħ lejn il-kummerċ (il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE u fl-Asja). F'ħafna pajjiżi inqas żviluppati u f'sitwazzjonijiet fraġli, l-assistenza relatata mal-kummerċ jirnexxilha żżid il-volum tal-kummerċ imma ma jirnexxilhiex daqshekk li tiddiversifikah. Madankollu, inkisbu riżultati tajbin fil-qasam tar-riformi istituzzjonali u regolatorji għal ambjent tan-negozju aħjar, prinċipalment f'pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar fejn il-konnessjoni mal-ftehim dwar il-kummerċ serviet ta' inċentiv għar-riformi. Bħala riżultat tas-sejbiet tal-evalwazzjoni l-UE se tadatta l-approċċ tagħha għall-kuntest u speċjalment għal-livell ta' żvilupp tal-pajjiż. L-analiżi sistematika tas-suq għandha tgħin biex ittejjeb l-effettività tal-interventi tal-UE, u l-integrazzjoni aħjar tat-tnaqqis tal-faqar

---

[38] Għad-dettalji ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli (id-DĠ DEVCO).

[39] http://ec.europa.eu/europeaid/how/evaluation/evaluation_reports/reports_by_year_en.htm#2013

u l-ħolqien tax-xogħol f'assistenza relatata mal-kummerċ u fl-appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat tista' żżid l-impatt tal-appoġġ tal-UE.

Il-politika l-ġdida ta' appoġġ baġitarju tidher li qed tibda tagħti l-frott, speċjalment fir-rigward ta' kuntratti għall-użu ta' bini tal-Istat fi stati fraġli, li issa ilhom sena implimentati. L-evalwazzjonijiet tal-2013 imwettqin fit-Tanżanija u fl-Afrika t'Isfel jikkonfermaw il-valur tal-għajnuna baġitarja. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni tat-Tanżanija turi li dan l-istrument għandu t-tendenza li jkun effettiv ħafna fejn ikun hemm il-ħtieġa li jittejjeb il-livell tar-riżorsi sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet bażiċi. Fondi addizzjonali pprovduti permezz tal-baġit huma identifikati li jħallu effett pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, fuq is-settur tal-edukazzjoni u fuq il-faqar mingħajr ebda dħul. L-evalwaturi kkonkludew li la l-finanzjament ta' proġetti u lanqas il-*basket funding* komuni ma setgħu jiksbu dawn l-istess riżultati bl-istess grad ta' effiċjenza, effettività u sostenibbiltà. Barra minn hekk, f'każi bħal dawn fejn ir-riżultati qegħdin jiżguraw il-manutenzjoni adegwata tat-toroq, jew żieda fis-salarji tal-għalliema, l-appoġġ baġitarju forsi huwa l-unika modalità ta' għajnuna. Madankollu, kemm l-evalwazzjoni tal-Afrika t'Isfel kif ukoll dik tat-Tanżanija juru li d-djalogu politiku u l-miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet setgħu kienu aktar effettivi, u f'numru ta' oqsma importanti, id-dgħufijiet fit-tifsil tal-politika u fl-implimentazzjoni tar-riformi ppersistew. Fil-każ tat-Tanżanija, dawn il-kwistjonijiet qegħdin jiġu indirizzati permezz ta' pjan ta' azzjoni li ġie żviluppat b'mod konġunt mid-donaturi tal-appoġġ baġitarju u l-Gvern tat-Tanżanija. Il-pjan jidentifika r-responsabbiltajiet għal kull attività u l-perjodu ta' żmien korrispondenti għall-implimentazzjoni. Barra minn hekk, awditu tal-prestazzjoni magħmul mill-Qorti tal-Awdituri fl-Eġittu (SR 4/2013) sab li l-appoġġ baġitarju mogħti lill-Eġittu fl-2007-2013 ma kienx effettiv fil-promozzjoni ta' titjib fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi għax xorta għad hemm nuqqas ta' trasparenza baġitarja, funzjoni ineffettiva ta' awditjar u korruzzjoni endemika. Il-Kummissjoni hija kommessa li tindirizza l-kwistjonijiet identifikati meta tinnegozja l-pjan ta' azzjoni l-ġdid mal-Eġittu u diġà applikat kriterji ta' eliġibbiltà msaħħin għall-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fl-Eġittu.

L-istrumenti ta' finanzjament tal-UE li jappoġġjaw **il-politika estera u ta' sigurtà tal-UE** tħaddmu b'mod sħiħ matul l-2013 meta titqies is-sitwazzjoni ta' deterjorament tas-sigurtà f'diversi partijiet tad-dinja. F'termini ta' kopertura ġeografika, l-Afrika tas-Sub-Saħara u l-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq kienu ż-żoni fejn saru l-aktar interventi f'rabta mal-ħafna aspetti ta' instabbiltà u kriżijiet li qed iseħħu f'dawn ir-reġjuni.

Filwaqt li madwar id-dinja n-numru u l-intensità tal-kunflitti żdiedu, l-indikaturi tal-impatt juru tnaqqis ġenerali fl-intensità tal-kunflitti fejn intervjenew l-operazzjonijiet ewlenin tal-politiki esteri u ta' sigurtà komuni pereżempju fil-Kosovo, li kienet l-ikbar operazzjoni f'termini ta' baġit, l-intensità tal-kunflitt fuq skala minn 1 sa 5 niżlet minn livell 4 ('kriżi vjolenti') għal livell 1 ('tilwima') wara t-taħditiet ta' medjazzjoni mill-UE u l-ftehim ta' rikonċiljazzjoni milħuq f'April 2013. Il-missjoni tal-UE kienet wieħed mill-elementi ewlenin sabiex ġiet żgurata l-istabbiltà fil-Kosovo.

Taħt l-Istrument ta' Stabbiltà (IfS) ġew imnedija 45 azzjoni għal total ta' EUR 214-il miljun taħt il-komponent tar-rispons għall-kriżi fuq medda qasira ta' żmien u EUR 26 miljun taħt il-komponent li jassisti bi tħejjija għal kriżi fit-tul. Evalwazzjoni tal-2013 dwar il-komponent li jassisti bi tħejjija għal kriżi fit-tul ikkonkludiet li dan il-komponent huwa

element indispensabbli mill-arkitettura komprensiva tal-UE għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp, u għandu jkun integrat b'mod sħiħ f'din l-istruttura. Sabet li l-komponent jippermetti lill-UE tindirizza kwistjonijiet ta' kunflitt fl-iktar sens wiesa' u li proġetti individwali tassew bnew jew saħħu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li jikkontribwixxu fi sforzi favur il-paċi u jsaħħu l-kunċett ta' komunità ta' prattikanti.

***Eżempju ta' miżura ta' rispons għall-kriżi fis-Sirja***

*Il-kriżi li ilha tkarkar fis-Sirja rat appoġġ kontinwu mill-IfS kemm fis-Sirja kif ukoll fil-pajjiżi ġirien. Fit-Turkija, fl-Iraq, imma prinċipalment fil-Ġordan u fil-Libanu, l-IfS kien strumentali fl-appoġġ lill-awtoritajiet li qed jilqgħu u jospitaw numru dejjem jikber ta' refuġjati Sirjani. Ir-refuġjati wkoll qed jiġu assistiti direttament pereżempju permezz tat-titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien. Fis-Sirja nnifisha, l-aċċess u kundizzjonijiet oħrajn sabiex jiġi pprovdut appoġġ mhux umanitarju jidhru ċar li huma ħafna iktar ta' sfida. Madankollu, l-IfS ipprovda xi assistenza diretta fil-forma ta' kura tas-saħħa primarja, sigurtà alimentari ikbar u edukazzjoni bażika.*

B'appoġġ għall-proċess ta' adeżjoni ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, l-aħħar programmi taħt l-**IPA** ġew adottati kif kien ippjanat fl-2013, b'żewġ eċċezzjonijiet: il-programm nazzjonali għall-Bosnja–Ħerzegovina, li ġie ridott minħabba nuqqas ta' progress fl-impenji politiċi tiegħu, u dak tal-Iżlanda, li ma tkompliex b'rabta mad-deċiżjoni tal-pajjiż li jwaqqaf il-proċess ta' adeżjoni. Il-konklużjonijiet ġenerali mit-Tieni Metaevalwazzjoni tal-assistenza IPA 2007-2010[40] ikkonfermat li l-IPA kienet faċilitatur utli tal-bidla, billi bniet il-kapaċitajiet tal-pajjiżi tat-tkabbir matul il-proċess ta' adeżjoni li jirriżultaw fi żviluppi progressivi u pożittivi fir-reġjun. L-effettività tal-assistenza tal-IPA 2007-2010 hija ġeneralment tajba, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li joperaw taħt ġestjoni ċentrali. Barra minn hekk, l-IPA kienet meqjusa li ġiet implimentata b'mod effiċjenti. L-evalwazzjoni indikat li l-IPA taħdem l-aħjar meta tkun misjuqa minn rekwiżiti marbutin mal-acquis billi dan jipprovdi struttura u mandat istituzzjonali politikament aċċettati. Sabiex jittejjeb l-impatt u s-sostenibbiltà tal-assistenza u jiżdied il-valur miżjud, ġie rikonoxxut li l-IPA trid tkun akkumpanjata minn strateġija politika ċara u progress sod waqt il-proċess ta' adeżjoni. L-evalwazzjoni tirrakkomanda rabta iktar b'saħħitha bejn id-djalogu politiku u l-finanzjament tal-IPA, bl-adozzjoni ta' approċċ pluriennali u bbażat fuq ir-riżultati għall-programm suċċessur sabiex ikun jista' jitħaffef il-proċess, jiġi żgurat li r-riżultat li jitħalla jikkontribwixxi b'mod reali għal riżultati sostenibbli, u jiġi żgurat ċertu livell ta' flessibbiltà waqt l-implimentazzjoni. Tirrakkomanda wkoll li l-assistenza għandha titfassal għal skont kemm jifilħu jassorbu l-benefiċjarji, bl-użu ta' iktar valutazzjonijiet tal-kapaċità fil-fażi tal-programmazzjoni. Il-Kummissjoni aċċettat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet u użathom fit-tħejjija tal-abbozz tal-programm suċċessur IPA II.

*Aspetti operazzjonali tal-prestazzjoni*

Fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, il-ħeffa tal-intervent hija ta' importanza kbira biex tkun tista' tingħata għajnuna immedjata li tindirizza l-ħtiġijiet primarji. Fl-2013 il-ħeffa medja tal-interventi mill-aċċettazzjoni tal-offerta ta' stazzjonar

40 http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/financial_assistance/phare/evaluation/2013/ipa_interim_meta_evaluation_report.pdf

taħt il-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili kienet konformi mal-mira ta' inqas minn 36 siegħa. L-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi bil-ħeffa u b'mod koordinat ġiet iffaċilitata biċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza (ERCC) tal-Kummissjoni Ewropea, li tnieda ġdid f'Mejju 2013. L-ERCC jopera servizz 24/7, li jsaħħaħ il-kapaċità tar-rispons tal-UE għad-diżastri billi jiġbor informazzjoni dak il-ħin stess dwar diżastri, jissorvelja l-perikli u jiżgura li l-interventi jkunu koordinati b'mod effettiv. Pereżempju fil-Filippini, l-ERCC iffaċilita t-twassil tal-persunal ta' iktar minn 20 stat parteċipant u l-provvisti materjali tal-għajnuna, kif ukoll it-trasport tal-assi tal-protezzjoni ċivili lejn ir-reġjun, biex b'hekk ikkonferma l-valur miżjud.

B'konformità mal-miri ta' ġestjoni tal-Kummissjoni, il-parti l-kbira tal-proġetti tal-Istrument ta' Stabbiltà (72%) fil-qasam tal-politika estera komuni u ta' sigurtà ġew adottati fi żmien tliet xhur mill-kuntest ta' kriżi fl-2013. Dan ippermetta lill-UE tagħmel interventi f'waqthom f'xi kriżijiet ta' livell għoli.

Fil-qasam tal-għajnuna esterna, il-Kummissjoni għamlet sforzi wkoll sabiex ittejjeb il-koordinazzjoni meta nies li jkunu qegħdin ibatu minn kriżijiet umanitarji fuq skala kbira jiġu megħjunin permezz ta' strumenti finanzjarji differenti, kif jintwera fl-eżempju ta' hawn taħt:

***Il-koordinazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni meta timmobilizza strumenti differenti ta' għajnuna esterna tal-UE***

*Sa minn kmieni, il-kriżi tas-Sirja kienet tirrikjedi l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti kollha ta' kooperazzjoni esterna tal-UE. Sabiex jiġi evitat ix-xogħol doppju bla ħtieġa, il-koordinazzjoni ġiet organizzata fost is-servizzi tal-Kummissjoni li jipprovdu l-finanzjament. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jipprovdi opportunità regolari għal skambju bikri dwar l-attivitajiet li jkunu għaddejjin u dawk ippjanati. B'dan il-mod, ġew identifikati bosta attivitajiet fejn l-Istrument ta' Stabbiltà seta' jikkumplimenta b'mod utli l-istrument tal-għajnuna umanitarja, pereżempju billi jipprovdi sigurtà fil-kampijiet tar-refuġjati fil-Ġordan jew billi jipprovdi assistenza ferm meħtieġa f'żoni fit-Tramuntana tas-Sirja fejn ir-reġim ta' Damasku jimponi restrizzjonijiet severi fuq il-ħaddiema umanitarji.*

# 4. IL-QAFAS TA' MONITORAĠĠ, TA' RAPPURTAR U TA' EVALWAZZJONI - MFF 2014 – 2020

Il-Parlament u l-Kunsill issa adottaw il-bażijiet legali kollha għall-programmi l-ġodda tal-MFF. L-oqfsa tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rappurtar għal dawn il-programmi huma stabbiliti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż. Fil-proċess leġiżlattiv sar sforz sabiex jinżammu l-għanijiet, l-indikaturi u t-tragwardi msaħħa inklużi fil-proposti tal-Kummissjoni. B'mod parallel, il-Kummissjoni żviluppat l-għodod ta' ġestjoni interna tagħha – il-Pjanijiet ta' Ġestjoni Annwali u r-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali – sabiex tinkludi aktar rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi finanzjarji.

Bħal fil-każ tal-MFF preċedenti, iċ-ċikli ewlenin ta' monitoraġġ u rappurtar huma annwali. Ir-rappurtar matul l-ewwel erba' snin tal-programmi se jiffoka fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi u r-riżultati. B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet interim, li jiffokaw fuq il-progress miksub, problemi ta' implimentazzjoni u l-ewwel indikazzjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-programmi se jitwettqu bejn l-2016 u l-2017. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jidentifikaw kwalunkwe aġġustamenti neċessarji għall-implimentazzjoni kontinwa tal-programmi u t-tfassil tal-proposti għall-programmi tal-perjodu finanzjarju li jmiss. Dawn l-ewwel indikazzjonijiet dwar il-prestazzjoni jistgħu

wkoll jagħtu kontribut għall-proposta tal-2016 tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni/reviżjoni tal-MFF 2014-2020. Evalwazzjonijiet finali u ex-post isegwu b'mod ġenerali mill-2020 sal-2024, b'mod li jipprovdu l-informazzjoni ewlenija dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-impatti tagħhom fuq is-soċjetà u l-ekonomija.

Il-perjodu ta' żmien bejn l-introduzzjoni tal-programmi permezz tal-iżborżament ta' fondi u l-bidu tal-azzjonijiet iffinanzjati u l-possibbiltà li jitkejjel l-impatt tal-azzjonijiet huwa kwistjoni sistemika. Il-ħidma kollha ta' evalwazzjoni, flimkien mal-awditjar tal-prestazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri, bħal qabel, se tkompli tuża l-benefiċċju tal-esperjenza sabiex tanalizza l-passat u tindika l-progress fil-ġejjieni.

# 5. KONKLUŻJONIJIET

L-evalwazzjonijiet, l-awditjar tal-prestazzjoni, id-dejta tal-monitoraġġ, ir-rapporti tal-Istati Membri u rappurtar ieħor jipprovdu faxxa ta' dejta u opinjonijiet dwar il-progress u l-prestazzjoni ta' programmi ewlenin li jikkontribwixxu għall-għan ta' Ewropa 2020. Il-Kummissjoni b'mod ġenerali miexja kif ippjanat fl-implimentazzjoni tal-programmi differenti, b'xi eżempji okkażjonali ta' nuqqas ta' progress meta mqabblin mat-tragwardi u l-indikaturi stabbiliti. Ħafna mill-informazzjoni u d-dejta f'dan l-istadju tikkonċerna l-eżiti u l-azzjonijiet li qegħdin jittieħdu iktar milli r-riżultati u l-impatti fuq l-għanijiet tal-programm, imma l-ewwel indikazzjonijiet tal-prestazzjoni b'mod ġenerali jikkonfermaw l-aspettattivi bbażati fuq it-tifsil tal-programmi u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom. Diffiċli li wieħed ikejjel kemm il-progress li sar lejn l-għanijiet strateġiċi ġenerali tal-politika huwa riżultat dirett u esklussiv tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-programmi ta' nfiq, waqt li hija pprovduta konferma tal-valur miżjud tal-għanijiet komuni u tal-azzjoni koordinata mill-UE, li jikkontribwixxu għal iktar effiċjenza u effettività.

It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jidher ċar li qiegħed inaqqas ir-ritmu tal-progress lejn l-ilħuq tal-miri ewlenin tal-UE f'għanijiet importanti bħalma huwa t-tnaqqis tan-numru ta' nies fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Bħala tweġiba għall-kriżi, il-Kummissjoni ħadet diversi miżuri ħalli tħaffef l-implimentazzjoni u ġġib il-finanzjament tal-UE konformi mal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020. Jidher ċar li, minkejja dan il-fatt, il-programmi ta' nfiq tal-UE waħedhom ma kinux biżżejjed biex idawru t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dan ir-Rapport jipprovdi ħafna eżempji ta' programmi finanzjarji li qed inaqqsu l-effetti negattivi tal-kriżi fuq il-kumpaniji u l-Istati Membri. Pereżempju, il-faċilitajiet finanzjarji differenti ppermettew lil SMEs u impriżi innovattivi li jkomplu jinvestu għall-futur. Ukoll f'ħafna Stati Membri s-sostenn mill-Fondi Struttrali Ewropej kien strument ewlieni ta' appoġġ għall-politiki attivi fis-suq tax-xogħol.

Bl-istess mod, waqt li l-finanzjament tal-UE kkontribwixxa għal għanijiet politiċi strateġiċi importanti, il-finanzjament fuq skala kbira tal-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku taħt il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru għadu biss beda jikkontribwixxi biex itaffi l-kwistjoni b'firxa wiesgħa tas-sigurtà tal-enerġija u jikkonsolida s-suq intern tal-enerġija, waqt li għad fadal ħafna iżjed xi jsir biex ikomplu jitjiebu l-interkonnessjonijiet mal-partijiet iktar remoti u/jew inqas konnessi tajjeb tas-suq uniku.

Il-Kummissjoni użat il-kontribut mill-forom kollha ta' valutazzjoni disponibbli, bħalma huma l-evalwazzjonijiet u r-rapporti speċjali mill-Qorti tal-Awdituri, sabiex tadatta l-

implimentazzjoni tal-programmi u t-tħejjija tal-programmi suċċessuri. Huwa eżemplari l-istabbiliment ta' għanijiet imtejba fil-livell tal-programmi u tal-proġetti, kif ukoll l-analiżi ex-ante tal-ħtiġijiet u tal-valur miżjud tal-UE. Il-Kummissjoni sejħet ukoll għal iktar konċentrazzjoni fuq l-effettività u l-effiċjenza u għall-inklużjoni ta' indikaturi u sistemi aħjar sabiex tiġi intraċċata l-evidenza tal-prestazzjoni. Il-qafas tal-monitoraġġ, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni għall-MFF 2014-2020 ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni adottata mill-Parlament u mill-Kunsill għall-programmi finanzjarji l-ġodda jipprovdu dak li ħafna qablu li hu pedament sod għar-rappurtar dwar riżultati u impatti fil-ġejjieni. Kif inhu indikat fil-qafas tal-monitoraġġ, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni għall-MFF li għadda, ir-rappurtar dwar il-programmi tal-2007-2013 se jissokta matul biċċa sew mill-perjodu finanzjarju li jmiss.